PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2011/0023(COD)**

20.4.2015

# EMENDI 606 - 836

**Abbozz ta' rapport**
**Timothy Kirkhope**
(PE549.223v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

Proposta għal direttiva
(COM(2011)0032) – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))



*Magħquda fid-diversità*

AM_Com_LegReport

**Emenda 606**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Perjodu taż-żamma tad-dejta*** | ***Talbiet għal dejta tal-PNR*** |

Or. en

**Emenda 607**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Perjodu taż-żamma tad-dejta*** | ***Legalità tat-talbiet għal dejta tal-PNR*** |

Or. en

**Emenda 608**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu -1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Talba skont il-paragrafu -1 għandu tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel minn qorti u għal rimedju ġudizzjarju minn kull persuna konċernata.*** |

Or. en

**Emenda 609**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu -1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Talba skont il-paragrafu 1 għandha tkun valida biss sakemm din tkun strettament meħtieġa għall-fini ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif definit f'punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-Artikolu 4(2) u f'kull każ għandha tkun limitata għal perjodu massimu ta' sitt xhur.*** |

Or. en

**Emenda 610**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom tkun tista' titlob lit-trasportaturi bl-ajru f'konformità mal-Artikolu 6 biex: (a) jittrasferixxu ('push') d-dejta tal-PNR ta' passiġġieri individwali, li jistgħu jkunu identifikati permezz tal-isem, informazzjoni dwar il-pagament, l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt, marbuta ma' każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti transnazzjonali serji; jew*** <br> ***(b) jittrasferixxu ('push') dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq titjiriet speċifiċi fejn valutazzjoni tar-riskju min-naħa tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont l-Artikolu 4a tkun tat prova ta' livell għoli ta' riskju konkret li persuni marbuta ma' każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' delitti transnazzjonali serji jkunu qed jivvjaġġaw fuq dawk it-titjiriet.*** |

Or. en

**Emenda 611**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tiġi mħassra wara li s-suġġett tad-dejta jkun daħal fit-territorju tal-Istat Membru konċernat***. |

Or. en

**Emenda 612**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru u minn operaturi ekonomiċi li mhumiex trasportaturi lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***6 xhur*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

Or. en

**Emenda 613**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara ***t-trasferiment*** tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru skont l-Artikolu 4(1), subparagrafi (b) u (c) lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***jumejn*** wara ***l-ewwel trasferiment*** tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 614**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***sebat ijiem*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

Or. it

**Emenda 615**
**Kashetu Kyenge**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha ***lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***sebat ijiem*** wara t-trasferiment tagħha. |

Or. en

**Emenda 616**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***għaxart ijiem*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

Or. en

**Emenda 617**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara ***t-trasferiment*** tagħha ***lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara ***l-ewwel trasferiment*** tagħha ***lil kwalunkwe Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 618**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***sebat ijiem*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

Or. en

**Emenda 619**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl- tal-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru jew operataturi tat-titjiriet nonkummerċjali oħra lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

Or. en

**Emenda 620**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħhom tkun tista' biss titlob lit-trasportaturi bl-ajru f'konformità mal-Artikolu 6 biex:*** |
| | ***(a) jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR ta' passiġġieri individwali marbuta ma' każ speċifiku tal-prevenzjoni, l-iskoperta, investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti transnazzjonali serji; jew*** |
| | ***(b) jittrasferixxu ('push') dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq titjiriet speċifiċi magħżula minn qabel wara li valutazzjoni tar-riskju min-naħa tal-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri li tkun tat prova ta' livell għoli ta' riskju konkret li persuni marbuta ma' każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' delitti transnazzjonali serji jkunu qed jivvjaġġaw fuq dawk it-titjiriet.*** |

Or. en

**Emenda 621**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi bl-ajru lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tiġi mħassra malli s-suġġett tad-dejta jkun daħal jew ħareġ mit-territorju tal-ewwel Stat Membru fejn it-*** |

| | |
|---|---|
| | ***titjira internazzjonali tillandja jew titlaq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta ma' bidla fir-Regolament.*

**Emenda 622**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Talba skont il-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta għal rimedju ġudizzjarju minn kull persuna fiżika konċernat.*** |

Or. en

**Emenda 623**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha ***tinżamm fl-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***għal perjodu ieħor ta' ħames snin***. ***Matul dan il-perjodu***, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***anonimizzata*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***għaxart ijiem*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha ***tiġi mħassra sakemm ma tkunx strettament meħtieġa għall-fini tal-prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali serji kif definit f'punt (i) tal-Artikolu 2 u skont l-Artikolu 4(2). F'kull każ id-dejta kollha tal-PNR għandha tiġi mħassra sa mhux aktar tard minn sentejn wara l-ewwel*** |

| | |
|---|---|
| persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR ***u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c).*** Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) ***u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni*** u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. | ***trasferiment tad-dejta tal-PNR lil kwalunkwe Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru***. |
| | ***Sakemm id-dejta tinżamm,*** l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***moħbija*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. |

Or. en

**Emenda 624**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***msemmija fil-paragrafu 1***, id-dejta għandha tinżamm fl- | Wara li ***d-dejta tal-PNR tiġi moħbija mill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***tletin jum, u wara*** |

| | |
|---|---|
| Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***ħames snin***. ***Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija***. ***Din id-dejta*** tal-PNR ***anonimizzata*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika***. | ***għandha tiġi mħassra b'mod permanenti***. ***Id-dejta*** tal-PNR ***moħbija*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. |

Or. en

**Emenda 625**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu ***moħbija***. ***Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar*** | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***sebat ijiem*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***sentejn***. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu ***anonimizzati***. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall- |

***il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c)***. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida ***jew riskju speċifiku u reali*** jew investigazzjoni ***jew prosekuzzjoni*** speċifika.

iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida ***serja, speċifika u immedjata*** jew investigazzjoni speċifika.

Or. it

**Emenda 626**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***ħames snin***. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. ***Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub*** | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***jumejn*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***sena***. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu ***dipersonalizzati billi jiġu*** moħbija ***skont l-Artikolu 9a (ġdid)***. |

***raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika***.

Or. en

**Emenda 627**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***ħames snin***. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. ***Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika***. | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***7 ijiem*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***sentejn***. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu ***dipersonalizzati billi jiġu*** moħbija ***skont l-Artikolu 9a (ġdid)***. |

Or. en

**Emenda 628**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Esteban González Pons, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Artis Pabriks, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***ħames*** snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***anonimizzata*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***6 xhur*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ***seba'*** snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***moħbija*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. |

Or. en

**Emenda 629**
**Brice Hortefeux, Nadine Morano**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***anonimizzata*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***sitt xhur*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***moħbija*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***kif ukoll minn għadd limitat ta' persuni awtorizzati u magħżula individwalment*** għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. |

Or. fr

**Emenda 630**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata |

wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u ***reali*** jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku***, ġenwin*** u ***imminenti*** jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

Or. fr

**Emenda 631**
**Kashetu Kyenge**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***msemmija fil-paragrafu 1***, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-

*Emenda*

Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***sebat ijiem*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta

passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. ***Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.***

tal-PNR, għandhom jiġu ***dipersonalizzati billi jiġu*** moħbija ***skont l-Artikolu 9a.***

Or. en

**Emenda 632**
**Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata ***(moħbija)*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l- |

4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.

Or. en

**Emenda 633**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***msemmija fil-paragrafu 1,*** id-dejta għandha ***tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija***. ***Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni*** | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara ***l-ewwel trasferiment*** tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, id-dejta għandha ***tiġi mħassra. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru***. |

***speċifika**.*

Or. en

**Emenda 634**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Barbara Matera, Frank Engel, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-identifikazzjoni mill-ġdid ta' dejta tal-PNR moħbija u l-aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandhom ikunu permessi biss mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għall-finijiet tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn ikun raġonevolment maħsub li jkunu meħtieġa għat-twettiq ta' investigazzjoni u b'rispons għal theddida jew riskju speċifiċi u reali relatata ma' reati terroristiċi jew jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika relatati ma' delitt elenkat fl-Artikolu 2.1 jew il-prevenzjoni ta' theddida immedjata u serja għas-sigurtà pubblika.*** |

Or. en

**Emenda 635**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija*** |

| | |
|---|---|
| | ***relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija huma:*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla fir-Regolament.*

**Emenda 636**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR moħbija għandha tkun aċċessibbli biss għal għadd limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.*** |

Or. en

**Emenda 637**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija.*** | ***imħassar*** |
| ***– Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** | |
| ***– Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt;*** | |
| ***– Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll*** | |
| ***– Kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** | |

Or. en

**Emenda 638**
**Birgit Sippel, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija.*** | ***imħassar*** |
| ***– Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** | |
| ***– Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt;*** | |
| ***– Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi*** | |

***informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll***

***– Kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lista ta' elementi tad-dejta li għandhom jiġu dipersonalizzati għandha titpoġġa fl-Artikolu 9a (ġdid). Dipersonalizzazzjoni tad-dejta).*

**Emenda 639**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u ***moħbija***. | Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u ***anonimizzati***. |

Or. it

**Emenda 640**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 641**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***– Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 642**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***– Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 643**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***– Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 644**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – ***Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt***; | – ***L-informazzjoni ta' kuntatt u l-indirizz, inkluż l-indirizz tal-fattura***; |

Or. en

**Emenda 645**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt; | – Indirizz u informazzjoni dwar il-kuntatt***, inkluż l-indirizz elettroniku, in-numru tal-karta tal-kreditu u l-indirizz tal-fattura, il-karti ta' min jivvjaġġa spiss (frequent flyer) u l-indirizz tal-IP li minnu jkun sar l-aċċess***; |

Or. it

**Emenda 646**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– Il-forom kollha ta' informazzjoni dwar il-ħlas, inkluż l-indirizz tal-ħruġ tal-kontijiet;*** |

Or. en

**Emenda 647**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– Il-forom kollha tal-informazzjoni dwar il-ħlas, inkluż l-indirizz tal-ħruġ tal-kontijiet*** |

Or. en

**Emenda 648**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***– Informazzjoni dwar persuni li jivvjaġġaw bl-ajru ta' sikwit;*** |

Or. en

**Emenda 649**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***– Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 650**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 651**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 652**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Kummenti ġenerali ***safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR***; u wkoll | – Rimarki ġenerali; u wkoll |

Or. en

**Emenda 653**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll | – Kummenti ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR ***jew kwalunkwe persuna oħra***; u wkoll |

Or. en

**Emenda 654**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– Informazzjoni dwar persuni li jivvjaġġaw bl-ajru ta' sikwit;*** |

Or. en

**Emenda 655**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 656**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– Kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 657**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– Il-bidliet storiċi kollha tal-PNR elenkati hawn fuq*** |

Or. en

**Emenda 658**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità*** | ***imħassar*** |

***kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.***

Or. en

**Emenda 659**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Jeroen Lenaers, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Andrea Bocskor, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar ***permanentement*** hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. |

Or. en

**Emenda 660**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew ***prosekuzzjonijiet*** kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali speċifiċi jew ***azzjonijiet ta' prosekuzzjoni mmirati lejn persuna partikolari jew lejn grupp partikolari ta' persuni***, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. |

Or. en

**Emenda 661**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR tiġi mħassra hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla fir-Regolament.*

**Emenda 662**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri m'għandhomx jeħtieġu li t-trasportaturi bl-ajru jiġbru kwalunkwe dejta tal-PNR li t-trasportaturi bl-ajru ma jiġbrux diġà. It-trasportaturi bl-ajru m'għandhom jittrasferixxu l-ebda dejta tal-PNR oħra għajr dik definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness. It-trasportaturi bl-ajru m'għandhomx ikunu responsabbli għall-eżattezza u l-kompletezza tad-dejta pprovduta mill-passiġġieri, ħlief meta ma jkunux taw attenzjoni raġonevoli biex jiżguraw li d-dejta miġbura mill-passiġġieri kienet eżatta u korretta.*** |

Or. en

**Emenda 663**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. L-ispejjeż tal-użu, iż-żamma u l-iskambju tad-dejta tal-PNR għandhom jagħmluhom l-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 664**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' tliet snin sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk il-ħames (5) snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 665**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' tliet snin sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx*** | ***imħassar*** |

***skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk il-ħames (5) snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar.***

Or. en

**Emenda 666**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) ***u (b)*** għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun ***hemm bżonn*** li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' ***tliet snin*** sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk ***il-ħames (5)*** snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar. | 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun ***strettament meħtieġ*** li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' ***sena*** sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk ***is-sentejn***, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar. |

Or. it

**Emenda 667**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl- | 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl- |

Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ***ta' mezzi mhux awtomatizzati***, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' tliet snin sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk il-ħames (5) snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar.

Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ***minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, ir-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu għandu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' tliet snin sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' dawk il-ħames (5) snin, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar.

Or. en

**Emenda 668**
**Birgit Sippel, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. ***Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati***, ***ir-riżultat*** ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat joħroġ negattiv, madankollu ***għandu*** jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' ***tliet snin*** sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' ***dawk il-ħames (5) snin***, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar. | 4. Ir-riżultat ta' tqabbil msemmi fl-Artikolu 4(2)(a) u (b) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta r-riżultat ta' operazzjoni ta' tqabbil awtomatizzat***, suġġett għal intervent uman minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, joħroġ negattiv, ***dan għandu*** madankollu jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' futuri għal perjodu massimu ta' ***sena*** sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 3 sal-iskadenza ta' ***dik is-sena***, li f'dak il-każ ir-reġistru għandu jinżamm sakemm id-dejta sottostanti titħassar. |

Or. en

**Emenda 669**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Ir-riżultat tal-ipproċessar imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jinżamm mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sakemm biss ikun hemm bżonn li jiġu informati l-awtoritajiet kompetenti ta' tqabbil pożittiv. Meta, wara analiżi individwali ta' mezzi mhux awtomatizzati kif imsemmija fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(2)(a), ir-riżultat ta' ppročessar awtomatizzat joħrog negattiv, madankollu jista' jinħażen biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' fil-futur sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma tħassritx skont il-paragrafu 1.*** |

Or. en

**Emenda 670**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Ir-riżultat tal-ipproċessar imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a) għandu jinżamm mill-*** *Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri* ***għal mhux aktar mit-tul ta' żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet kompetenti jiġu infurmati dwar tqabbil pożittiv. Fejn ir-riżultat tal-ipproċessar awtomatizzat, wara analiżi individwali*** |

***minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a), jirriżulta negattiv, dan għandu jiġi maħżun biex jiġi evitat tqabbil pożittiv 'falz' sakemm id-dejta sottostanti tkun għadha ma ġietx imħassra skont il-paragrafu 1.***

Or. fr

**Emenda 671**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Dipersonalizzazzjoni tad-dejta*** |
| | ***1. Wara li jiskadi l-perjodu speċifikat fl-Artikolu 9(2), l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu dipersonalizzati billi jiġu moħbija fl-interface tal-utent. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u dipersonalizzati huma:*** |
| | ***- l-isem(ismijiet), kif ukoll l-ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** |
| | ***– l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt;*** |
| | ***– rimarki ġenerali safejn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u wkoll*** |
| | ***– kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** |

***2. L-obbligu li d-dejta tkun dipersonalizzata billi tiġi moħbija skont il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għall-każijiet fejn l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) u l-Artikolu 4(2)(b) jirriżulta fi tqabbil pożittiv. F'dan il-każ, id-dejta m'għandhiex tkun dipersonalizzata billi tiġi moħbijasakemm tkun ġiet analizzata individwalment minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex ikun verifikat jekk għandhiex tittieħed azzjoni minn awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5.***

***3. Id-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi titgħatta skont il-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR. Din id-dejta tal-PNR dipersonalizzata għandha tkun aċċessibbli biss għall-fini ta':***

***- analiżi tat-tqabbil pożittiv li jirriżulta mill-ipproċessar awtomatizzat ta' dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) jew l-Artikolu 4(2)(b) permezz ta' tiftix fid-dejta dipersonalizzata tal-PNR biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;***

***- l-iżvilupp ta' kriterji ta' valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(d);***

***- rispons għal talba motivata debitament għat-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR sottomessa minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 4a;***

***- rispons għal talba motivata debitament għat-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR sottomessa mill-Europol skont l-Artikolu 7a(a);***

***4. F'każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' terroriżmu jew delitt transnazzjonali serju, in-numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-***

*Passiġġieri msemmi f'Paragrafu 3 jista' jwettaq tfittxijiet fid-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi tiġi moħbija skont il-Paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe waħda jew diversi mill-elementi tad-dejta elenkati fl-Anness I.*

***5. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u fejn ikun jista' jitwemmen raġonevolment li hu strettament meħtieġ li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.***

***6. Qabel ma jingħata aċċess għad-dejta tal-PNR kollha, qorti jew korp amministrattiv indipendenti għandhom jivverifikaw, fil-waqt, jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'paragrafu 5 humiex sodisfatti.***

***7. F'każ eċċezzjonali ta' urġenza fejn tkun meħtieġa l-prevenzjoni ta' periklu imminenti assoċjat ma' reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju, il-Kap tal-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jista' immedjatament jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha. F'dan it-tip ta' każ eċċezzjonali ta' urġenza, qorti jew korp amministrattiv indipendenti jivverifikaw ex-post biss jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 5 ġewx sodisfatti, inkluż jekk il-każ kienx fil-fatt każ eċċezzjonali ta' urġenza . Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.***

***8. Fejn verifika ex-post skont il-paragrafu 6 tiddetermina li l-aċċess għad-dejta tal-PNR sħiħa ma kienx ġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu rċevew tali dejta għandhom iħassru l-informazzjoni.***

***9. Rigward il-finijiet ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' delitti transnazzjonali serji, l-aċċess għad-dejta tal-PNR kollha jista' jkun***

***permess biss għal perjodu ta' mhux aktar minn erba' snin.***

***10. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun informat kull darba li l-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha skont dan l-Artikolu. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jinforma fuq bażi regolari lill-Awtorità Superviżorja konċernata dwar l-aċċess għad-dejta tal-PNR kollha skont dan l-Artikolu.***

Or. en

**Emenda 672**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Dipersonalizzazzjoni tad-dejta*** |
| | ***1. Wara li jiskadi l-perjodu ta' 7 ijiem speċifikat fl-Artikolu 9, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu dipersonalizzati billi jiġu moħbija fl-interface tal-utent. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija, huma:*** |
| | ***(a) l-isem/ismijiet, inklużi l-ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u l-għadd ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li jkunu qed jivvjaġġaw flimkien;*** |
| | ***(b) l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt, inkluż l-indirizz tal-IP;*** |
| | ***(c) rimarki ġenerali safejn ikun fihom xi*** |

***informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u***

***(d) kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.***

***2. L-obbligu ta' dipersonalizzazzjoni tad-dejta billi tiġi moħbija skont il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għal każijiet fejn l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) u l-Artikolu 4(2)(b) jirriżulta fi tqabbil pożittiv. F'dan il-każ, id-dejta m'għandhiex tkun dipersonalizzata billi tiġi moħbija qabel ma tkun ġiet soġġetta għal intervent uman minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex ikun verifikat jekk għandhiex tittieħed azzjoni minn awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5.***

***3. Id-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi titgħatta skont il-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR. Din id-dejta tal-PNR dipersonalizzata għandha tkun aċċessibbli biss għall-finijiet ta':***

***(a) - analiżi ta' tqabbil pożittiv li jirriżulta mill-ipproċessar awtomatizzat ta' dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) jew l-Artikolu 4(2)(b) permezz ta' tfittxijiet fid-dejta tal-PNR dipersonalizzata biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;***

***(b) - rispons għal talba motivata debitament għat-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR sottomessa minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 4a (ġdid).***

***4. F'każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reat terroristiku jew ċertu tip ta' delitt transnazzjonali serju, in-numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar***

***il-Passiġġieri msemmi f'Paragrafu 3 jista' jwettaq tfittxijiet fid-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi tiġi moħbija skont il-Paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe waħda jew diversi mill-elementi tad-dejta elenkati fl-Anness.***

***5. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u fejn ikun jista' jitwemmen raġonevolment li hu strettament meħtieġ li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiċi u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifiċi.***

***6. Qabel ma jingħata aċċess għad-dejta tal-PNR kollha, qorti għandha tivverifika, fil-waqt, jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'paragrafu 5 ġewx issodisfati.***

***7. F'każ eċċezzjonali ta' urġenza fejn tkun meħtieġa l-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika assoċjata ma' reat terroristiku jew tip ta' delitt transnazzjonali serju, il-Kap tal-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jista' immedjatament jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha. F'dan it-tip ta' każ eċċezzjonali ta' urġenza, qorti tista' biss tivverifika ex-post biss jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 5 ġewx issodisfati, inkluż jekk il-każ kienx fil-fatt każ eċċezzjonali ta' urġenza. Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.***

***8. Fejn verifika ex-post skont il-paragrafu 6 tiddetermina li l-aċċess għad-dejta tal-PNR sħiħa ma kienx ġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu rċevew tali dejta għandhom iħassru l-informazzjoni.***

***9. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun informat kull darba li l-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha skont dan l-Artikolu, u hu għandu jinforma lill-awtorità superviżorja***

*dwar dan it-tip ta' aċċess.*

Or. en

**Emenda 673**
**Birgit Sippel, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Dipersonalizzazzjoni tad-dejta*** |
| | ***1. Wara li jiskadi l-perjodu ta' jumejn speċifikat fl-Artikolu 9, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu dipersonalizzati billi jiġu moħbija fl-interface tal-utent. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija, huma:*** |
| | ***(a) l-isem (ismijiet), kif ukoll l-ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** |
| | ***(b) l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt, inkluż l-indirizz tal-IP;*** |
| | ***(c) rimarki ġenerali safejn dawn ikun fihom xi informazzjoni li tista' sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u*** |
| | ***(d) kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** |
| | ***2. L-obbligu ta' dipersonalizzazzjoni tad-dejta billi tiġi moħbija skont il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għal każijiet fejn l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) u l-Artikolu 4(2)(b) jirriżulta fi tqabbil pożittiv. F'dan*** |

***il-każ, id-dejta m'għandhiex tkun dipersonalizzata billi tiġi moħbija qabel ma tkun ġiet soġġetta għal intervent uman minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex ikun verifikat jekk għandhiex tittieħed azzjoni minn awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5.***

***3. Id-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi tiġi moħbija skont il-paragrafu 1 għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR. Din id-dejta tal-PNR dipersonalizzata għandha tkun aċċessibbli biss għall-finijiet ta':***

***(a) - analiżi ta' tqabbil pożittiv li jirriżulta mill-ipproċessar awtomatizzat ta' dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) jew l-Artikolu 4(2)(b) permezz ta' tfittxijiet fid-dejta tal-PNR dipersonalizzata biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni;***

***(b) - rispons għal talba motivata debitament għat-trażmissjoni tad-dejta tal-PNR sottomessa minn awtorità kompetenti skont l-Artikolu 4a (ġdid);***

***4. F'każ speċifiku ta' prevenzjoni, skoperta, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reat terroristiku jew ċertu tip ta' delitt transnazzjonali serju, in-numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmi f'Paragrafu 3 jista' jwettaq tfittxijiet fid-dejta tal-PNR dipersonalizzata billi tiġi moħbija skont il-Paragrafu 1 abbażi ta' kwalunkwe waħda jew diversi mill-elementi tad-dejta elenkati fl-Anness.***

***5. Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u fejn ikun jista' jitwemmen raġonevolment li hu strettament meħtieġ li titwettaq investigazzjoni u bħala***

***reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika.***

***6. Qabel ma jingħata aċċess għad-dejta tal-PNR kollha, qorti għandha tivverifika, fil-waqt, jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'paragrafu 5 ġewx issodisfati.***

***7. F'każ eċċezzjonali ta' urġenza fejn tkun meħtieġa l-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika assoċjata ma' reat terroristiku jew tip ta' delitt transnazzjonali serju, il-Kap tal-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jista' immedjatament jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha. F'dan it-tip ta' każ eċċezzjonali ta' urġenza, qorti tista' biss tivverifika ex-post biss jekk il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 5 ġewx issodisfati, inkluż jekk il-każ kienx fil-fatt każ eċċezzjonali ta' urġenza . Il-verifika ex post għandha ssir mingħajr dewmien żejjed wara l-ipproċessar tat-talba.***

***8. Fejn verifika ex-post skont il-paragrafu 6 tiddetermina li l-aċċess għad-dejta tal-PNR sħiħa ma kienx ġustifikat, l-awtoritajiet kollha li jkunu rċevew tali dejta għandhom iħassru l-informazzjoni.***

***9. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta għandu jkun informat kull darba li l-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri jippermetti aċċess għad-dejta tal-PNR kollha skont dan l-Artikolu, u hu għandu jinforma lill-awtorità superviżorja dwar dan it-tip ta' aċċess.***

Or. en

**Emenda 674**
**Emilian Pavel**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** |
| | ***Dipersonalizzazzjoni tad-dejta*** |
| | ***1. Wara li jiskadi l-perjodu ta' 30 ijiem speċifikat fl-Artikolu 9, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu dipersonalizzati billi jiġu moħbija fl-interface tal-utent. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, l-elementi tad-dejta li jistgħu jservu biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, u li għandhom jiġu ffiltrati u moħbija, huma:*** |
| | ***(a) l-isem (ismijiet), kif ukoll l-ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta’ vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien;*** |
| | ***(b) l-indirizz u l-informazzjoni ta' kuntatt, inkluż l-indirizz tal-IP;*** |
| | ***(c) rimarki ġenerali safejn dawn ikun fihom xi informazzjoni li tista’ sservi biex jiġi identifikat il-passiġġier li miegħu huwa relatat l-PNR; u*** |
| | ***(d) kwalunkwe Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri miġbura.*** |
| | ***2. L-obbligu ta' dipersonalizzazzjoni tad-dejta billi tiġi moħbija skont il-paragrafu 1 għandu jkun bla ħsara għal każijiet fejn l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont l-Artikolu 4(2)(a) u l-Artikolu 4(2)(b) jirriżulta fi tqabbil pożittiv. F'dan il-każ, id-dejta m'għandhiex tkun dipersonalizzata billi tiġi moħbija qabel ma tkun ġiet soġġetta għal intervent uman minn membru tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex ikun verifikat jekk awtorità kompetenti għandhiex tieħu azzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 675**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Penali kontra t-trasportaturi ***bl-*** | Penali kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi li mhumiex trasportaturi*** |

Or. en

**Emenda 676**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Penali kontra t-trasportaturi ***bl-*** | Penali kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi tat-titjiriet nonkummerċjali*** |

Or. en

**Emenda 677**
**Caterina Chinnici**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, |

| | |
|---|---|
| jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-,*** jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | jiġu previsti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru*** li ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa skont din id-Direttiva, sat-tali punt li tkun diġà ngabret mit-trasportaturi tal-ajru, jew li ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ, ***jew li ma jittrattawx u ma jipproċessawx id-dejta skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta stipulati f'din id-Direttiva u f'atti rilevanti oħra tal-Unjoni li huma legalment vinkolanti***, jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandhom jiġu provduti penali dissważivi, effettivi u proporzjonati anke kontra trasportaturi bl-ajru li ma jittrattawx u ma jipproċessawx id-dejta skont ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta stabbiliti kemm f'din id-Direttiva kif ukoll f'atti rilevanti oħra tal-Unjoni li huma legalment vinkolanti (inklużi kwalunkwe att rilevanti ġejjien, b'mod partikolari bħal dawk inklużi fil-pakkett dwar il-protezzjoni tad-dejta).*

**Emenda 678**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-,*** jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-ajru***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. |
| | ***Japplikaw għad-Direttiva preżenti s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/82/KE tad-29 ta' April*** |

*2004.*

Or. it

**Emenda 679**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Csaba Sógor, Alessandra Mussolini, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Arnaud Danjean, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngħabret mit-trasportaturi ***bl-,*** jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi li mhumiex trasportaturi*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngħabret mit-trasportaturi ***bl-ajru,*** jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 680**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, |

| | |
|---|---|
| jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-,*** jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-ajru***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ ***preskritt mil-linji gwida tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar il-PNR*** jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. ***M'għandhom jiġu imposti l-ebda penali fuq trasportaturi bl-ajru meta l-awtoritajiet ta' pajjiż terz ma jippermettulhomx li jittrasferixxu d-dejta tal-PNR.*** |

Or. en

**Emenda 681**
**Ana Gomes, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi tat-titjiriet nonkummerċjali oħra*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngabret mit-trasportaturi ***bl-ajru***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 682**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'konformità mal-liġi tal-UE, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji, jiġu previsti kontra t-trasportaturi bl-ajru li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, safejn din tkun diġà nġabret mill-istess trasportaturi bl-ajru, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'xi mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 683**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, ***fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ġudizzjajru bħal dawk adottati mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI għandhom għalhekk ikunu*** | 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li ***d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva. It-trasportaturi bl-ajru li jiksbu d-dettalji tal-kuntatt tal-passiġġieri minn aġenziji tal-ivvjaġġar m'għandhomx jingħataw permess biex jużawhom għal skopijiet kummerċjali.*** |

*applikabbli*.

Or. en

**Emenda 684**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-rimedju ***ġudizzjajru*** bħal dawk adottati mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni ***tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI*** għandhom għalhekk ikunu applikabbli. | 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-rimedju ***ġudizzjarju*** bħal dawk adottati mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni ***tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta,*** għandhom għalhekk ikunu applikabbli. |

Or. en

**Emenda 685**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta | 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta |

personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ***ġudizzjajru*** bħal dawk adottati ***mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI għandhom għalhekk ikunu applikabbli***.

personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt ***għall-protezzjoni tad-dejta personali,*** dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ***ġudizzjarju*** bħal dawk ***stabbiliti f'din id-Direttiva u*** adottati ***taħt il-liġi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tas-suġġett tad-dejta stabbiliti fl-Artikoli 11a (ġdid) sa 11m (ġdid) ta' din id-Direttiva huma rispettati għalkollox***.

Or. en

**Emenda 686**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ġudizzjajru bħal dawk adottati mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17, 18, 19 ***u 20*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI għandhom għalhekk ikunu applikabbli. | 1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li, fir-rigward tal-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ġudizzjajru bħal dawk adottati mil-liġi nazzjonali fl-implementazzjoni tal-Artikoli 17, 18, 19 u 20 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17, 18, 19***, 20 u 25*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI għandhom għalhekk ikunu applikabbli. |

Or. en

**Emenda 687**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Emil Radev, Frank Engel, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Kull Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta sabiex tkun żgurata konformità mad-dritt eżistenti nazzjonali u tal-Unjoni tal-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet fundamentali; dik il-persuna għandha tkun imħarrġa u kwalifikata sa livell għoli fid-dritt tal-protezzjoni tad-dejta.*** |

Or. en

**Emenda 688**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Rigward l-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont dan ir-Regolament, kull passiġġier għandu jkollu l-istess dritt għall-aċċess, id-dritt għal rettifika, id-dritt għar-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, id-dritt għall-kumpens u d-dritt għar-riżarċiment ġudizzjajru skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment*** |

| | |
|---|---|
| | ***liberu ta' tali data.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 689**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Csaba Sógor, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Esteban González Pons, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Michał Boni, Frank Engel, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva | 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva ***It-trasportaturi tal-ajru li jiġbru d-dettalji ta' kuntatt ta' passiġġieri li jkunu rriservaw it-titjiriet tagħhom permezz ta' aġenzija tal-ivvjaġġar jew inkella aġent tal-ivvjaġġar ieħor, huma pprojbiti milli jużaw din id-dejta għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 690**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni ***tal-Artikoli 21 u 22 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI*** dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva | 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni ***tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta*** dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 691**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni ***tal-Artikoli 21 u 22*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar ***u s-sigurtà tad-dejta*** għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva | 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li d-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali fl-implimentazzjoni ***tal-Artikolu 21*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 692**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-xx/xx/201x dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta, dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u s-sigurtà tad-dejta għandhom japplikaw għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 693**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fejn id-dispożizzjonijiet adottati taħt il-liġi nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE jipprovdu iktar drittijiet lill-passiġġier għall-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-imblukkar tad-dejta, id-dritt għall-kumpens, id-dritt għar-rizarċiment ġudizzjarju, id-dritt għall-kunfidenzjalità tal-ipproċessar u tas-sigurtà tad-dejta mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 694**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. ***It-trażmissjoni ta' dejta tal-PNR relevanti għal din l-informazzjoni min-naħa tat-trasportaturi bl-ajru hi projbita.*** F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. ***Għal dan l-għan, il-membri tal-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwettqu verifiki manwali biex jidentifikaw id-dejta tal-PNR li tinkludi dan it-tip ta' informazzjoni u fejn xieraq, iħassruha qabel kwalunkwe pproċessar manwali tad-dejta u kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4(2), lil-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 7 jew lil kwalunkwe pajjiż terz skont l-Artikolu 8.*** |

Or. fr

**Emenda 695**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza ***jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku***, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***is-saħħa*** jew ***il-***ħajja sesswali ***ta' persuna*** għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza***, etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin personali***, l-opinjoni politika ***jew opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, it-tendenzi sesswali jew is-sħubija fi trejdjunjin*** tal-persuna konċernata***, u dejta dwar l-istat tas-saħħa*** jew ***dwar*** il-ħajja sesswali għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. |

Or. it

**Emenda 696**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar ***minnufih***. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, din*** għandha titħassar ***bla dewmien***. ***Għal dak l-għan, malli jirċievu dejta tal-PNR mingħand it-trasportaturi tal-ajru, l-Istati Membri għandhom jibdew japplikaw kontrolli awtomatiċi u manwali biex jidentifikaw u jħassru dejta sensittiva mid-dejta tal-PNR miksuba. Sabiex tiġi identifikata u titħassar dejta sensittiva mid-dejta tal-PNR miżmuma, membri tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Passiġġieri għandhom iwettqu kontrolli manwali qabel ma jsir aktar ipproċessar manwali u qabel kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR lil awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4(2), lill-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 7, jew lil pajjiż terz skont l-Artikolu 8.*** |

Or. en

**Emenda 697**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini ***tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku,*** l-opinjoni politika, ***is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja*** sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini ***etnika jew soċjali***, ***il-kulur, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin,*** l-opinjoni politika ***jew xi opinjoni oħra***, ***appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, jew l-orjentazzjoni*** sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, din*** għandha titħassar minnufih. |

Or. en

**Emenda 698**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta’ dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini ***tar-razza jew*** etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta’ persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta’ dejta tal-PNR li jiżvela s-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika ***jew soċjali***, ***il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, id-diżabbiltà, l-età,*** is-saħħa jew ***l-orjentazzjoni*** sesswali għandu jkun projbit, ***kif stabbilit fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea***. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih ***u permanentement***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 699**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Kwalunkwe pproċessar*** ta’ dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, ***l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta’ persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih***. | 3. ***Skont l-Artikolu 11a (ġdid), L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar*** ta’ dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, ***opinjonijiet politiċi,*** it-twemmin reliġjuż jew filosofiku***, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru, sħubija jew attivitajiet trejdunjonistiċi u l-ipproċessar ta' dejta bijometrika jew ta' dejta li tirrigwarda s-saħħa jew il-ħajja sesswali***. |

Or. en

**Emenda 700**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini tar-razza***, soċjali*** jew etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. |

Or. en

**Emenda 701**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas- | 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas- |

| | |
|---|---|
| superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ***ħames snin***, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. | superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ***sentejn***, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. |

Or. it

**Emenda 702**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Barbara Matera, Frank Engel, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ***ħames*** snin, u | 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi li mhumiex trasportaturi,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta ***u l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta***. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id- |

| | |
|---|---|
| f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. | dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ***seba'*** snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. |

Or. en

**Emenda 703**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm ***titħassar id-dejta*** sottostanti. | 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru,*** it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu ***sa ħames snin wara li d-dejta*** sottostanti ***tkun ġiet imħassra***. |

Or. en

**Emenda 704**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Michał Boni, Emil Radev, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Dawk il-persuni li joperaw il-kontrolli tas-sigurtà, li għandhom aċċess u janalizzaw id-dejta tal-PNR, u li joperaw logs tad-dejta, għandhom ikunu klerjati mis-sigurtà u mħarrġa fis-sigurtà.*** |

Or. en

**Emenda 705**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-ajru, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jew pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awtomonitoraġġ u l-iżgurar xierqa tal-integrità tad-dejta u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti.*** |

Or. en

**Emenda 706**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Għandu jintuża standard ta' sigurtà partikolarment għoli għall-protezzjoni tad-dejta kollha, immirat lejn l-aktar żviluppi riċenti f'diskussjonijiet esperti dwar il-protezzjoni tad-dejta, u aġġornat b'mod kontinwu biex jinkludi għarfien ġdid. Aspetti ekonomiċi għandhom jiġu kkunsidrati bħala tħassib sekondarju l-iktar meta jittieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-istandards ta' sigurtà.*** |
| | ***B'mod partikolari, għandu jintuża l-iktar proċess ta' kodifikazzjoni modern u avvanzat li:*** |
| | ***- jiżgura li s-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta jkunu jistgħu jintużaw minn persuni mhux awtorizzati;*** |
| | ***- jiżgura li dawk awtorizzati li jużaw sistema tal-ipproċessar tad-dejta jkollhom biss aċċess għad-dejta li jkollhom l-awtorizzazzjoni għaliha u li d-dejta personali ma tkunx tista' tinqara, tiġi kkupjata, mibdula jew imneħħija bla permess waqt l-ipproċessar jew l-użu u wara ż-żamma;*** |
| | ***- jiżgura li d-dejta personali ma tistax tinqara jew tiġi kkupjata, mibdula jew*** |

| | |
|---|---|
| | ***imneħħija mingħajr awtorizzazzjoni meta tiġi trasmessa elettronikament jew waqt it-trasport jew meta tkun qed tiġi ssejvjata f'mezz ta' ħażna, u jiżgura li jkun possibbli li jiġi kkontrollat u stabbilit f'liema postijiet għandha tiġi ttrasferita d-dejta personali minn faċilitajiet tat-trasmissjoni tad-dejta.*** |
| | ***Il-possibbiltà li jiġi ċċekkjat retrospettivament u li jiġi stabbilit jekk u minn min id-dejta personali tkun iddaħħlet fis-sistemi tal-ipproċessar tad-dejta, ġiet mibdula jew imneħħija għandha tiġi garantita.*** |
| | ***Għandu jiġi ggarantit li d-dejta personali pproċessata taħt kuntratt tista' tiġi pproċessata biss skont l-istruzzjonijiet tal-entità kontraenti.*** |
| | ***Il-protezzjoni tad-dejta personali kontra l-qerda jew it-telf aċċidentali għandha tiġi garantita.*** |
| | ***Il-possibbiltà tal-ipproċessar ta' dejta miġbura għal skopijiet differenti separatament għandha tiġi ggarantita.*** |

Or. en

**Emenda 707**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal- javżaw il-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***b'mod ċar u preċiż*** dwar ***il-provvista*** ta' dejta tal-PNR ***għall-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l- | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal-ajru jagħtu lill-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***informazzjoni bil-miktub ċara u preċiża*** dwar ***l-għoti*** ta' dejta tal-PNR ***lill-Unità*** tal-Informazzjoni |

| | |
|---|---|
| iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. | dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. |

Or. fr

**Emenda 708**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal- javżaw il-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***b'mod ċar u preċiż*** dwar ***il-provvista*** ta' dejta tal-PNR ***għall-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli ***tagħhom*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal-ajru jagħtu lill-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***informazzjoni ċara u preċiża*** dwar ***l-għoti*** ta' dejta tal-PNR ***lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli ***tagħha*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji ***transnazzjonali***, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati |

| | |
|---|---|
| mill-Istati Membri lill-pubbliku. | Membri lill-pubbliku. |

Or. it

**Emenda 709**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal- javżaw il-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***b'mod ċar u preċiż*** dwar ***il-provvista*** ta' dejta tal-PNR ***għall-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli ***tagħhom*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, ***b'mod partikolari*** d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal-ajru jagħtu lill-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***informazzjoni ċara u preċiża*** dwar ***l-għoti*** ta' dejta tal-PNR ***lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar ***tagħha***, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji ***transnazzjonali***, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, ***bħad-dritt għall-aċċess, il-korrezzjoni, it-tħassir u l-ibblukkjar tad-dejta, u*** d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. |

Or. en

**Emenda 710**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***t-trasportaturi bl-, l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz tal- javżaw il-passiġġieri ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, b'mod ċar u preċiż dwar il-provvista ta' dejta tal-PNR għall-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, ***l-iskopijiet tal-ipproċessar tagħhom, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, l-użu possibbli tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom***. ***L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku***. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***tipprovdi lis-suġġett tad-dejta, tal-inqas, l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 11b (ġdid)***. |

Or. en

**Emenda 711**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal- javżaw il-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***b'mod ċar u preċiż*** dwar ***il-provvista*** ta' dejta tal-PNR ***għall-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, l- | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru,*** l-aġenti tagħhom jew bejjiegħa oħra tal-biljetti għall-ġarr ta' passiġġieri fuq servizz ***tal-ajru jagħtu lill-passiġġieri*** ta' titjiriet internazzjonali, fil-ħin li jipprenotaw it-titjira u fil-ħin tal-akkwist tal-biljett, ***informazzjoni ċara u preċiża*** dwar ***l-għoti*** ta' dejta tal-PNR ***lill-Unità*** tal-Informazzjoni dwar il- |

| | |
|---|---|
| iskopijiet tal-ipproċessar ***tagħhom***, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, ***l-użu possibbli tagħhom għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji***, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. | Passiġġieri, l-iskopijiet tal-ipproċessar ***tagħha***, il-perjodu taż-żamma tad-dejta, il-possibbiltà tal-iskambju u l-kondiviżjoni ta' din id-dejta u d-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari d-dritt li jilmentaw ma' awtorità nazzjonali tas-sorveljanza tal-protezzjoni tad-dejta tal-għażla tagħhom. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kopert diġà mill-komunikazzjoni tal-iskop tal-ipproċessar.*

**Emenda 712**
**Caterina Chinnici**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR ***mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti u*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. | 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR ***lil*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda għandha l-għan li tagħmilha ċara li l-projbizzjoni tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR lil partijiet privati tirrigwarda mhux biss lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti, iżda wkoll lil kwalunkwe entità oħra, inklużi t-trasportaturi bl-ajru.*

**Emenda 713**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Tomáš Zdechovský, Mariya Gabriel, Michał Boni, Emil Radev, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti ***u*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. | 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti ***lil*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. ***Kwalunkwe mġiba ħażina għandha tiġi sanzjonata.*** |

Or. en

**Emenda 714**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR ***mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u mill-awtoritajiet kompetenti u*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. | 6. Għandu jiġi pprojbit kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR ***lil*** partijiet privati fi Stati Membri jew f'pajjiżi terzi. |

Or. en

**Emenda 715**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Mingħajr preġudizju għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għandhom jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi sabiex jiġu imposti f'każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva. | 7. Mingħajr preġudizju għall-Artikolu 10, l-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għandhom jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi sabiex jiġu imposti f'każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva***, kemm jekk il-ksur ikun volontarju u kemm jekk ikun ir-riżultat ta' atti ta' negliġenza jew irresponsabilità***. |

Or. en

**Emenda 716**
**Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Juan Fernando López Aguilar, Anna Hedh**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Id-dejta tal-PNR għandha tiġi sorveljata, jittieħdu kampjuni minnha u tiġi awditjata skont kodiċi ta' prattika statutorju Ewropew uniku applikabbli fl-Istati Membri kollha, li jeħtieġ jiġi żviluppat b'mod konġunt mill-awtoritajiet tas-superviżjoni tal-Istati Membri, filwaqt li jiżgura kontrolli stretti tax-xogħol tal-operaturi u l-implimentazzjoni prattika ta' din id-Direttiva, u se jagħmel parti mill-proċess ta' rieżami ta' kull Stat Membru.*** |

Or. en

**Emenda 717**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor,**

**Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Heinz K. Becker, Kinga Gál, Tomáš Zdechovský, Barbara Matera, Mariya Gabriel, Michał Boni, Artis Pabriks, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Id-dejta kollha tal-PNR għandha tinżamm f'post sikur fit-territorju tal-UE jew pajjiżi assoċjati max-Schengen, f'database sikura.*** |

Or. en

**Emenda 718**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' dejta*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar ta' dejta tal-PNR li tiżvela r-razza jew l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin filosofiku, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, sħubija jew attività trejdunjonistiċi, u l-ipproċessar ta' dejta bijometrika jew ta' dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali.*** |
| | ***2. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, din għandha titħassar minnufih. Għal dak l-għan, malli jirċievu dejta tal-PNR mingħand it-trasportaturi tal-ajru, l-Istati Membri għandhom japplikaw kontrolli awtomatiċi u manwali biex jidentifikaw u jħassru dejta sensittiva mid-dejta tal-PNR*** |

***miksuba.***

Or. en

**Emenda 719**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' dejta*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-ipproċessar ta’ dejta tal-PNR li tiżvela r-razza jew l-oriġini etnika, l-opinjonijiet politiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin filosofiku, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, sħubija jew attività trejdunjonistiċi, u l-ipproċessar ta’ dejta bijometrika jew ta’ dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali.*** |
| | ***2. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, din għandha titħassar minnufih. Għal dak l-għan, malli jirċievu dejta tal-PNR mingħand it-trasportaturi tal-ajru, l-Istati Membri għandhom japplikaw kontrolli awtomatiċi u manwali biex jidentifikaw u jħassru dejta sensittiva mid-dejta tal-PNR miksuba.*** |
| | ***3. Sabiex tiġi identifikata u titħassar kwalunkwe dejta sensittiva mid-dejta tal-PNR miżmuma, membri tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwettqu kontrolli manwali qabel ma jsir aktar ipproċessar manwali u qabel kwalunkwe trasferiment tad-dejta tal-PNR lil awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 4(2), lill-Unità ta’ Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta’ Stat*** |

*Membru ieħor skont l- Artikolu 7, jew lil pajjiż terz skont l-Artikolu 8.*

Or. en

**Emenda 720**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Rimedju Ġudizzjarju*** |
| | ***Kull deċiżjoni min-naħa ta' awtorità kompetenti li passiġġier jiġi mċaħħad milli jitla' fl-ajruplan jew li jiġu imposti miżuri restrittivi oħra fuqu, ibbażata fuq l-ipproċessar ta' dejta tal-PNR skont din id-Direttiva, għandha tkun miftuħa għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti ġudizzjarja regolari.*** |

Or. en

**Emenda 721**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11b*** |
| | ***Sigurtà tal-ipproċessar*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri timplimenta l-miżuri u l-proċeduri tekniċi u organizzattivi xierqa biex ikun żgurat l-ogħla livell ta' sigurtà xieraq għar-riskji rappreżentati mill-*** |

***ipproċessar u n-natura tad-dejta tal-PNR.***

Or. en

**Emenda 722**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11b*** |
| | ***Informazzjoni lis-suġġett tad-dejta*** |
| | ***1. Meta tinġabar dejta tal-PNR relatata ma' suġġett tad-dejta, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tipprovdi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja lis-suġġett tad-dejta:*** |
| | ***(a) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta;*** |
| | ***(b) il-bażi legali u l-finijiet tal-ipproċessar li għalih d-dejta tal-PNR tkun maħsuba ;*** |
| | ***(c) il-perjodu li għalih id-dejta tal-PNR tkun se tinħażen ;*** |
| | ***(d) l-eżistenza tad-dritt li jintalab mingħand il-kontrollur l-aċċess għal u r-rettifika, it-tħassir jew ir-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR dwar is-suġġett tad-dejta;*** |
| | ***(e) id-dritt li jressaq ilment mal-awtorità tas-superviżjoni msemmija fl-Artikolu 12 u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità tas-superviżjoni;*** |
| | ***(f) ir-riċevituri tad-dejta personali, inklużi dawk f'pajjiżi terzi, u min hu awtorizzat jaċċessa din id-dejta taħt il-liġijiet ta' dak il-pajjiż terz;*** |
| | ***(g) informazzjoni dwar miżuri tas-sigurtà*** |

*meħuda biex tkun protetta d-dejta personali;*

*(h) kwalunkwe informazzjoni oħra sakemm dik l-informazzjoni addizzjonali tkun meħtieġa sabiex tiggarantixxi pproċessar ġust fir-rigward tas-suġġett tad-dejta, billi jitqiesu ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom tiġi pproċessata d-dejta personali.*

*2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi provduta fil-punt meta d-dejta tal-PNR tinkiseb mingħand is-suġġett tad-dejta, permezz ta' siti elettroniċi u avviżi li jaf ikunu inkorporati fil-kuntratti tal-ġarr mit-trasportaturi bl-ajru.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw pubblikazzjoni ta' gwida għall-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess bl-informazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt kollha meħtieġa. L-istess informazzjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri lill-pubbliku.*

Or. en

**Emenda 723**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11c*** |
| | ***Notifika ta' ksur tad-dejta personali lill-awtorità tas-superviżjoni*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li f'każ ta' ksur tad-dejta personali, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tinnotifika, mingħajr dewmien bla bżonn u, fejn possibbli, mhux aktar tard minn 24 siegħa, il-ksur tad-dejta personali lill-awtorità tas-*** |

| | |
|---|---|
| | ***superviżjoni.*** |
| | ***2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddeskrivi n-natura tal-ksur tad-dejta personali, fosthom il-kategoriji u l-għadd ta' suġġetti tad-dejta kkonċernati u l-kategoriji u n-numru ta' reġistri tad-dejta kkonċernati;*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tiddokumenta kwalunkwe ksur tad-dejta personali, fosthom il-fatti relatati mal-ksur, l-effetti tiegħu u l-azzjoni ta' rimedju meħuda. Din id-dokumentazzjoni trid tkun biżżejjed sabiex tippermetti lill-awtorità tas-superviżjoni li tivverifika l-konformità ma' dan l-Artikolu. Din id-dokumentazzjoni għandha tinkludi biss l-informazzjoni meħtieġa għal dak il-għan.*** |
| | ***4. L-awtorità tas-superviżjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tat-tipi ta' ksur notifikati.*** |

Or. en

**Emenda 724**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11c*** |
| | ***Dritt ta' aċċess għas-suġġett tad-dejta*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu d-dritt tas-suġġett tad-dejta li jikseb, mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, kopja tad-dejta personali li tkun qed tiġi pproċessata. Meta s-suġġett tad-dejta jagħmel it-talba f'forma elettronika, l-informazzjoni għandha tiġi*** |

***pprovduta f'forma elettronika, sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-dejta.***

Or. en

**Emenda 725**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11d*** |
| | ***Komunikazzjoni ta' ksur tad-dejta personali lis-suġġett tad-dejta*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li meta l-ksur tad-dejta personali aktarx se jolqot ħażin lill-protezzjoni tad-dejta personali u/ jew lill-privatezza tas-suġġett tad-dejta, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha, wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 11c (ġdid), tikkomunika l-ksur tad-dejta personali lis-suġġett tad-dejta mingħajr dewmien bla bżonn.*** |
| | ***2. Il-komunikazzjoni ta' ksur ta' dejta personali lis-suġġett tad-dejta ma għandhiex tkun meħtieġa jekk l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità tas-superviżjoni li hi tkun implimentat miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi xierqa, u li dawk il-miżuri ġew applikati għad-dejta tal-PNR kkonċernata mill-ksur tad-dejta personali. Dawn il-miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi għandhom jagħmlu d-dejta ma tinftiehemx minn kwalunkwe persuna li ma tkunx awtorizzata jkollha aċċess għaliha.*** |
| | ***3. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-dejta tista' tiġi posposta jew ristretta, f'każ speċifiku, sal-punt li tali posponiment jew*** |

***restrizzjoni jikkostitwixxu miżura meħtieġa u proporzjonata:***

***(a) biex jiġi evitat li jiġu mfixkla inkjesti, investigazzjonijiet jew proċeduri uffiċjali jew legali;***

***(b) biex titħares is-sigurtà pubblika;***

***(c) biex jitħarsu d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra.***

Or. en

**Emenda 726**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11d*** |
| | ***Dritt għal rettifika u kkompletar*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għad-dritt tas-suġġett tad-dejta li jikseb, mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, ir-rettifika jew l-ikkompletar ta' dejta personali dwaru jew dwarha li ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta, b'mod partikolari permezz ta' stqarrija ta' kkompletar jew stqarrija ta' korrezzjoni.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinforma bil-miktub lis-suġġett tad-dejta, b'ġustifikazzjoni motivata, dwar kwalunkwe rifjut ta' rettifika jew ikkompletar, dwar ir-raġunijiet għar-rifjut u dwar il-possibbiltajiet li jitressaq ilment quddiem l-awtorità tas-superviżjoni u li jiġi mfittex rimedju ġudizzjarju.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Passiġġieri għandha tikkomunika kwalunkwe rettifika mwettqa għal kull riċevitur li tkun ġiet żvelata lilu d-dejta, sakemm dan ma jkunx impossibbli jew jinvolvi sforz sproporzjonat.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tikkomunika r-rettifika ta' dejta personali mhux preċiża lill-partijiet terzi li mingħandhom toriġina d-dejta personali mhux preċiża.*** |

Or. en

**Emenda 727**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11e*** |
| | ***Dritt għal tħassir*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu għad-dritt tas-suġġett tad-dejta li jikseb mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri it-tħassir ta' dejta personali relatata miegħu jew magħha meta l-ipproċessar ma jikkonformax mad-dispożizzjonijiet adottati skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***2. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha twettaq it-tħassir bla dewmien. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha wkoll tastjeni minn kwalunkwe tixrid ulterjuri ta' dejta ta' dan it-tip.*** |
| | ***3. Minflok it-tħassir, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tirrestrinġi l-ipproċessar tad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***dejta personali meta:*** |
| | ***(a) il-preċiżjoni tagħha tiġi kkontestata mis-suġġett tad-dejta, għal perjodu li jippermetti lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tivverifika l-preċiżjoni tad-dejta;*** |
| | ***(b) id-dejta personali tkun trid tinżamm għal finijiet ta' prova jew għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-suġġett tad-dejta jew ta' persuna oħra.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinforma bil-miktub lis-suġġett tad-dejta, b'ġustifikazzjoni raġunata, dwar kwalunkwe rifjut ta' tħassir jew restrizzjoni tal-ipproċessar, dwar ir-raġunijiet għar-rifjut u dwar il-possibbiltajiet li jitressaq ilment lill-awtorità tas-superviżjoni u li jiġi mfittex rimedju ġudizzjarju.*** |
| | ***5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tgħarraf lir-riċevituri li lilhom din id-dejta tkun intbagħtet dwar kwalunkwe tħassir jew restrizzjoni li saret skont il-paragrafu 1, sakemm dan ma jkunx impossibbli jew jinvolvi sforz sproporzjonat.*** |

Or. en

**Emenda 728**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Anna Hedh, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11f*** |
| | ***Dokumentazzjoni*** |

*1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri żżomm dokumentazzjoni tas-sistemi u l-proċeduri kollha ta' pproċessar taħt ir-responsabbiltà tagħha.*

*2. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:*

*(a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjoni u l-persunal fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri fdati bl-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, il-livell differenti ta' awtorizzazzjoni ta' aċċess u l-persunal li għandhom awtorizzazzjonijiet tali;*

*(b) deskrizzjoni tal-kategorija jew kategoriji tas-suġġetti tad-dejta u d-dejta jew il-kategoriji tad-dejta relatati magħhom;*

*(c) ir-riċevituri tad-dejta personali;*

*(d) it-trasferimenti kollha tad-dejta lil pajjiż terz, inkluża l-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz u r-raġunijiet legali li għalihom qed tiġi trasferita d-dejta, għandha tingħata spjegazzjoni sostantiva meta trasferiment ikun ibbażat fuq l-Artikolu 8a (ġdid) ta' din id-Direttiva;*

*(e) il-limiti taż-żmien għaż-żamma u t-tħassir tal-kategoriji ta' dejta differenti;*

*(f) ir-riżultati tal-verifiki tal-miżuri tal-miżuri li l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR qed isir skont id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-protezzjoni tad-dejta;*

*(g) indikazzjoni tal-bażi legali tal-operazzjoni tal-ipproċessar li għaliha tkun maħsuba d-dejta.*

*3. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tagħmel id-dokumentazzjoni kollha disponibbli, fuq talba, lill-awtorità tas-superviżjoni.*

Or. en

**Emenda 729**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Anna Hedh, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11g (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11g*** |
| | ***Żamma tar-reġistri*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li jinżammu reġistri tal-anqas tal-operazzjonijiet ta' pproċessar li ġejjin: ġbir, tibdil, konsultazzjoni, żvelar, taħlit jew tħassir. Ir-reġistri ta' konsultazzjoni u żvelar għandhom juru b'mod partikolari l-fini, id-data u l-ħin ta' kull waħda minn dawn l-operazzjonijiet u l-identifikazzjoni tal-persuna li tkun ikkonsultat jew żvelat id-dejta tal-PNR, u l-identità tar-riċevitur ta' dik id-dejta, u l-identità tar-riċevituri ta' din id-dejta.*** |
| | ***2. Ir-reġistri għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi assigurata l-integrità tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta, jew għal raġunijiet ta' awditjar, jew mill-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta jew mill-awtorità tas-superviżjoni.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tagħmel ir-reġistri disponibbli, fuq talba, lill-awtorita tas-superviżjoni.*** |

Or. en

**Emenda 730**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11h (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11h*** |
| | ***Sigurtà tal-ipproċessar*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri timplimenta miżuri proċeduri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jassiguraw livell għoli ta' sigurtà xieraq għar-riskji rappreżentati mill-ipproċessar u n-natura tad-dejta tal-PNR li trid tiġi protetta, waqt li jitqiesu l-aħħar żviluppi u l-ispiża tal-implimentazzjoni tagħhom.*** |
| | ***2. Fir-rigward tal-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta, kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, wara evalwazzjoni tar-riskji, timplimenta miżuri mfasslin sabiex:*** |
| | ***(a) jiċċaħħad l-aċċess għat-tagħmir li jipproċessa d-dejta użat għall-ipproċessar ta' dejta tal-PNR (kontroll tal-aċċess għat-tagħmir) lil persuni mhux awtorizzati;*** |
| | ***(b) tipprevjeni l-qari, l-ikkupjar, il-modifika jew it-tneħħija mhux awtorizzati tal-mezzi tad-dejta (kontroll tal-mezzi tad-dejta);*** |
| | ***(c) tipprevjeni l-input mhux awtorizzat ta' dejta, u l-ispezzjoni, modifika jew tħassir mhux awtorizzati ta' dejta tal-PNR maħżuna (kontroll tal-ħżin);*** |
| | ***(d) timpedixxi l-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' pproċessar ta' dejta minn persuni mhux awtorizzati bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-dejta (kontroll tal-utenti);*** |
| | ***(e) tassigura li l-persuni awtorizzati biex jużaw sistema awtomatizzata ta' pproċessar ta' dejta ikollhom aċċess biss għad-dejta koperta mill-awtorizzazzjoni*** |

***għall-aċċess tagħhom (kontroll tal-aċċess għad-dejta);***

***(f) tiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema korpi ntbagħtet jew saret disponibbli jew tista' tintbagħat jew issir disponibbli dejta tal-PNR bl-użu ta' tagħmir għall-komunikazzjoni tad-dejta (kontroll tal-komunikazzjoni);***

***(g) tassigura li jkun sussegwentement possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit liema dejta tal-PNR ddaħħlet f'sistemi awtomatizzati ta' pproċessar tad-dejta u meta u minn min iddaħħlet id-dejta (kontroll tal-input);***

***(h) tipprevjeni l-qari, l-ikkupjar, it-tibdil jew it-tħassir mhux awtorizzat ta' dejta tal-PNR waqt it-trasferiment tad-dejta tal-PNR jew waqt it-trasportazzjoni tal-mezzi tad-dejta (kontroll tat-trasport);***

***(i) tassigura li s-sistemi installati jistgħu, f'każ ta' interruzzjoni, jiġu rkuprati (irkupru);***

***(j) ikun żgurat li l-funzjonijiet tas-sistema jaħdmu, li s-sejbien ta' difetti fil-funzjonijiet jiġi rrappurtat (affidabbiltà) u li d-dejta tal-PNR maħżuna ma tistax tiġi korrotta permezz ta' funzjonament ħażin tas-sistema (integrità).***
***3. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tosserva l-miżuri tekniċi u organizzattivi mitluba taħt il-paragrafu 1.***

Or. en

**Emenda 731**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Anna Hedh, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11i (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11i*** |
| | ***Dritt ta' rimedju ġudizzjarja*** |
| | ***1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju amministrattiv disponibbli, inkluż id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità tas-superviżjoni, l-Istati Membri għandhom jipprevedu d-dritt ta' kull persuna fiżika għal rimedju ġudizzjarju jekk din tħoss li d-drittijiet tagħha stabbiliti fid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva ġew miksura b'riżultat tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħha f'nuqqas ta' konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-deċiżjoni finali mill-Qorti msemmija f'dan l-Artikolu tkun infurzata.*** |

Or. en

**Emenda 732**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11j (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11j*** |
| | ***Responsabbiltà u d-dritt għal kumpens*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu li persuna li tkun sofriet ħsara, inkluż ħsara mhux finanzjarja, minħabba operazzjoni ta' pproċessar illegali jew azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, għandu jkollha d-dritt li titlob kumpens għall-ħsara mġarrba.*** |

Or. en

**Emenda 733**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11k (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11k*** |
| | ***Penali għal nuqqas ta' konformità*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*** |

Or. en

**Emenda 734**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11l (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11l*** |
| | ***Notifika ta' ksur tad-dejta personali lill-awtorità tas-superviżjoni*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li f'każ ta' ksur tad-dejta personali, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinnotifika, mingħajr dewmien bla bżonn u, fejn possibbli, mhux aktar tard minn 24*** |

***siegħa , il-ksur tad-dejta personali lill-awtorità tas-superviżjoni. L-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tipprovdi, fuq talba, ġustifikazzjoni motivata lill-awtorità tas-superviżjoni f'każijiet ta' kwalunkwe dewmien.***

***2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha mill-inqas:***

***(a) tiddeskrivi n-natura tal-ksur tad-dejta personali, fosthom il-kategoriji u n-numru ta' suġġetti tad-dejta kkonċernati u l-kategoriji u n-numru ta' reġistri tad-dejta kkonċernati;***

***(b) tikkomunika l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta msemmi fl-Artikolu 3a (ġdid) jew punt ta' kuntatt ieħor fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni;***

***(c) tirrakkomanda miżuri sabiex jittaffew l-effetti ħżiena possibbli tal-ksur tad-dejta personali;***

***(d) tiddeskrivi l-konsegwenzi possibbli tal-ksur tad-dejta personali;***

***(e) tiddeskrivi l-miżuri proposti jew meħuda mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri sabiex jiġi indirizzat il-ksur tad-dejta personali u jittaffew l-effetti tiegħu.***

***Fil-każ li l-informazzjoni kollha ma tkunx tista' tiġi fornuta mingħajr dewmien bla bżonn, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' timla n-notifika fit-tieni fażi.***

***4. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tiddokumenta kwalunkwe ksur tad-dejta personali, fosthom il-fatti relatati mal-ksur, l-effetti tiegħu u l-azzjoni ta' rimedju meħuda. Din id-dokumentazzjoni trid tkun biżżejjed sabiex tippermetti lill-awtorità tas-superviżjoni li tivverifika l-konformità ma' dan l-Artikolu. Din id-dokumentazzjoni***

|  |  |
|---|---|
|  | ***għandha tinkludi biss l-informazzjoni meħtieġa għal dak il-għan.*** |
|  | ***5. L-awtorità tas-superviżjoni għandha żżomm reġistru pubbliku tat-tipi ta' ksur notifikati.*** |

Or. en

**Emenda 735**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Péter Niedermüller, Hugues Bayet, Emilian Pavel, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11m (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
|  | ***Artikolu 11m*** |
|  | ***Komunikazzjoni ta' ksur tad-dejta personali lis-suġġett tad-dejta*** |
|  | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li meta l-ksur tad-dejta personali aktarx se jolqot ħażin lill-protezzjoni tad-dejta personali u/ jew lill-privatezza tas-suġġett tad-dejta, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha, wara n-notifika msemmija fl-Artikolu 11l (ġdid), tikkomunika l-ksur tad-dejta personali lis-suġġett tad-dejta mingħajr dewmien bla bżonn.*** |
|  | ***2. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun komprensiva u tuża lingwaġġ ċar u trasparenti. Għandha tiddeskrivi n-natura tal-ksur tad-dejta personsali u tinkludi mill-inqas l-informazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet previsti fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 11l(ġdid) u informazzjoni dwar id-drittijiet tas-suġġett tad-dejta, inkluż rimedju.*** |
|  | ***3. Il-komunikazzjoni ta' ksur ta' dejta personali lis-suġġett tad-dejta ma għandhiex tkun meħtieġa jekk l-Unità tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Informazzjoni dwar il-Passiġġieri turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità tas-superviżjoni li hi tkun implimentat miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi xierqa, u li dawk il-miżuri ġew applikati għad-dejta tal-PNR kkonċernata mill-ksur tad-dejta personali. Dawn il-miżuri ta' protezzjoni teknoloġiċi għandhom jagħmlu d-dejta ma tinftihemx minn kwalunkwe persuna li ma tkunx awtorizzata jkollha aċċess għaliha.*** |
| | ***4. Il-komunikazzjoni lis-suġġett tad-dejta tista' tiġi posposta jew ristretta, f'każ speċifiku, sal-punt li tali posponiment jew restrizzjoni jikkostitwixxu miżura meħtieġa u proporzjonata:*** |
| | ***(a) biex jiġi evitat li jiġu mfixkla inkjesti, investigazzjonijiet jew proċeduri uffiċjali jew legali;*** |
| | ***(b) biex titħares is-sigurtà pubblika;*** |
| | ***(c) biex jitħarsu d-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra.*** |

Or. en

**Emenda 736**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu ***jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA*** | ***1.*** Kull Stat Membru għandu ***jipprevedi li awtorità pubblika waħda jew aktar ikunu responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament u biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni konsistenti tiegħu madwar l-Unjoni, bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom***. |

| | |
|---|---|
| ***għandhom ikunu applikabbli.*** | |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtorità tas-superviżjoni taġixxi b'indipendenza sħiħa fl-eżerċizzju tal-kompiti u s-setgħat fdati lilha.*** |
| | ***3. Il-membri tal-awtorità tas-superviżjoni għandhom, fil-qadi ta' dmirijiethom, la jfittxu li jieħdu kompiti u lanqas jieħdu struzzjonijiet mingħand xi ħadd, u jżommu indipendenza u imparzjalità sħiħa.*** |
| | ***4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-awtorità tas-superviżjoni tiġi provduta bir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji adegwati, il-bini u l-infrastruttura meħtieġa għall-prestazzjoni effettiva tad-dmirijiet u s-setgħat tagħha.*** |
| | 5. ***Kull Stat Membru għandu jassigura li l-awtorità tas-superviżjoni jrid ikollha l-persunal tagħha stess li għandu jinħatar minn u soġġett għad-diskrezzjoni tal-kap tal-awtorità tas-superviżjoni.*** |

Or. en

**Emenda 737**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA*** għandhom | Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandhom |

ikunu applikabbli.

ikunu applikabbli.

***B'mod partikolari, l-awtorità tas-superviżjoni nazzjonali għandha:***

***(a) tiġi kkonsultata dwar il-ħatra u t-tneħħija ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta skont l- Artikolu 3a;***

***(b) tivverifika l-każijiet kollha ta' trażmissjoni illegali ta' dejta mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri lil awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 4(4), kif irrappurtat mill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta, u tieħu miżuri xierqa;***

***(c) teżamina regolari l-ipproċessar tad-dejta mill-Unita*** *tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri* ***f'konformità ma' din id-Direttiva, partikolarment abbażi tal-informazzjoni trażmessa mill-Unità*** *tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri* ***u ta' żjarat filpost, biex tassigura ppročessar xieraq tad-dejta f'konformità mad-Direttiva;***

***(d) tipprovdi assistenza lis-suġġetti tad-dejta fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir;***

***(e) tisma' l-ilmenti mressqa minn kwalunkwe suġġett tad-dejta dwar ir-rispett għad-drittijiet tiegħu għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika u t-tħassir, tinvestiga l-ilment sa fejn meħtieġ u tinforma lis-suġġett tad-dejta dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment;***

***(f) tinvestiga ksur tas-sigurtà tad-dejta rrappurtat mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri.***

Or. fr

**Emenda 738**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni ***tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet ***adottati*** mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. ***Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA għandhom ikunu applikabbli.*** | Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni ***tad-Direttiva xx/xx/201x tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta,*** għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 739**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA*** għandhom ikunu applikabbli. | Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni ***tal-Artikolu 28 tad-Direttiva 46/95/KE u*** tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandhom ikunu applikabbli. |

Or. it

**Emenda 740**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza ***stabbilita*** fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA*** għandhom ikunu applikabbli. | Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità ***jew l-awtoritajiet*** nazzjonali tas-sorveljanza ***stabbiliti*** fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll għan-notifika u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandhom ikunu applikabbli. |

Or. en

**Emenda 741**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll ***għan-notifika u l-monitoraġġ*** tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/JHA*** għandhom | Kull Stat Membru għandu jipprovdi li l-awtorità nazzjonali tas-sorveljanza stabbilita fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI għandha tkun responsabbli wkoll ***għall-konsulenza, il-monitoraġġ u l-infurzar*** tal-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Artikolu 25 ***tad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI*** għandhom |

ikunu applikabbli. | ikunu applikabbli.

Or. en

**Emenda 742**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Grupp ta' esperti tal-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri*** |
| | ***1. Għandu jinħoloq grupp ta' esperti, li jkun ikkoordinat b'mod konġunt mill-Europol u mill- Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta biex ilaqqa' flimkien lill-esperti nazzjonali u lill-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Il-grupp ta' esperti għandu jiltaqa' regolarment.*** |
| | ***2. Il-grupp ta' esperti għandu jħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, partikolarment permezz tal-iskambju tal-prattiki tajba.*** |
| | ***3. Jekk miżura ta' dan it-tip tkun indikata, l-awtoritajiet tas-superviżjoni nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12 u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-grupp ta' esperti.*** |
| | ***4. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-laqgħat tal-grupp ta' esperti bħala osservatur.*** |

Or. fr

**Emenda 743**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'mod partikolari, l-awtorità nazzjonali tas-superviżjoni għandha:*** |
| | ***(a) tiġi kkonsultata dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Dejta skont l-Artikolu 3a(1) u (3);*** |
| | ***(b) tivverifika kwalunkwe każ ta' trażmissjoni illegali ta' dejta mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri lil awtorità kompetenti, kif rappurtat mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta skont l-Artikolu 4(4), u tieħu azzjoni xierqa;*** |
| | ***(c) twettaq reviżjonijiet regolari dwar l-ipproċessar ta' dejta mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont din id-Direttiva, anke fuq il-bażi ta' reġistri u dokumentazzjoni li tirċievi mingħand l-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u minn żjarat fuq il-post, għall-kontroll tal-protezzjoni tad-dejta u sabiex ikun żgurat ipproċessar xieraq tad-dejta kif ukoll l-integrità, is-sigurtà u r-responsabbiltà tal-ipproċessar tad-dejta;*** |
| | ***(d) tgħin lis-suġġett tad-dejta fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom għal informazzjoni, aċċess, rettifika u tħassir skont l- Artikolu 11;*** |
| | ***(e) tisma' l-ilmenti mressqa minn kwalunkwe suġġett tad-dejta fir-rigward tad-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, aċċess, rettifika u tħassir skont l-Artikoli 11, tinvestiga, sa fejn ikun xieraq, il-kwistjoni u tinforma lis-suġġetti tad-dejta dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment;*** |
| | ***(f) twettaq investigazzjonijiet dwar ksur tas-sigurtà tad-dejta rrappurtata mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont l-Artikolu 11.*** |

Or. en

**Emenda 744**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtoritajiet tas-superviżjoni jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin biex jiġi implimentat id-dritt tas-suġġett tad-dejta li jeżerċita d-dritt tiegħu għall-informazzjoni, aċċess, rettifika u tħassir skont l-Artikolu 11 permezz tal-Awtorità tas-Superviżjoni tal-Istati Membri ta' residenza tiegħu.*** |

Or. en

**Emenda 745**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Grupp ta' Esperti tal-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri*** |
| | ***Għandu jinħoloq grupp ta' esperti taħt il-koordinazzjoni tal-Europol biex tlaqqa' flimkien l-esperti nazzjonali mill-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Il-grupp ta' esperti għandu jiltaqa' regolarment, fil-bini tal-Europol.*** |
| | ***2 Il-grupp ta' esperti għandu jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, anke permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Dan għandu jinkludi l-aħjar prattiki fil-*** |

***ħolqien ta' kriterji ġodda għat-twettiq ta' valutazzjonijiet skont l-Artikolu 4(2)(d).***

***3 Il-Kummissjoni għandha tattendi l-laqgħat tal-grupp ta' esperti bħala osservatur.***

Or. en

**Emenda 746**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***L-awtorità tas-Superviżjoni*** |
| | ***Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu jkun responsabbli mill-konsulenza u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament preżenti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 747**
**Marju Lauristin**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Setgħat tal-awtorità tas-Superviżjoni nazzjonali*** |

| | |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevedu li kull awtorità tas-superviżjoni jkollha s-setgħa li tinnotifika lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri dwar ksur allegat tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, u, fejn xieraq, tordna lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tirrimedja dak il-ksur, b'mod speċifiku, sabiex tittejjeb il-protezzjoni tas-suġġett tad-dejta.*** |

Or. en

**Emenda 748**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Anna Hedh, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon, Vilija Blinkevičiūtė**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Dmirijiet tal-awtorità tas-superviżjoni nazzjonali*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtorità tas-superviżjoni:*** |
| | ***(a) tissorvelja u tassigura l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u l-miżuri ta' implimentazzjoni tagħha;*** |
| | ***(b) tisma' l-ilmenti mressqa minn kwalunkwe suġġett tad-dejta, tinvestiga, sa fejn ikun xieraq, il-kwistjoni u tinforma lis-suġġett tad-dejta jew lill-assoċjazzjoni dwar il-progress u l-eżitu tal-ilment fi żmien raġonevoli, b'mod partikolari meta tkun meħtieġa aktar investigazzjoni jew koordinazzjoni ma' xi awtorità tas-superviżjoni oħra;*** |
| | ***(c) tivverifika l-legalità tal-ipproċessar tad-dejta;*** |

***(d) twettaq investigazzjonijiet, spezzjonijiet u awditi, fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi ta' lment, u tinforma lis-suġġett tad-dejta kkonċernat, jekk is-suġġett tad-dejta jkun indirizza lment, fi żmien raġonevoli dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet;***

***(e) tissorvelja żviluppi rilevanti, safejn ikollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni;***

***2. L-awtorità tas-superviżjoni għandha, fuq talba, tagħti parir lil kwalunkwe suġġett tad-dejta dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, u, jekk ikun xieraq, tikkoopera mal-awtoritajiet tas-superviżjoni fi Stati Membri oħra għal dan il-għan.***

***3. Għall-ilmenti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1, l-awtorità tas-superviżjoni għandha tipprovdi formola għas-sottomissjoni tal-ilmenti, li tista' timtela b'mod elettroniku, mingħajr ma jkunu esklużi mezzi oħrajn ta' komunikazzjoni.***

***4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-eżerċizzju tad-dmirijiet tal-awtorità tas-superviżjoni għandu jkun bla ħlas għas-suġġett tad-dejta.***

***5. F'każ li t-talbiet ikunu manifestament eċċessivi, b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom, l-awtorità tas-superviżjoni tista' titlob tariffa raġjonevoli. Tali tariffa m'għandhiex teċċedi l-ispejjeż tat-teħid tal-azzjoni mitluba. L-awtorità tas-superviżjoni għandha terfa' r-responsabbiltà li tipprova n-natura manifestament eċċessiva tat-talba.***

Or. en

**Emenda 749**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12b*** |
| | ***Il-grupp ta' esperti tal-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Dejta;*** |
| | ***1. Għandu jinħoloq grupp ta' esperti taħt il-koordinazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex ilaqqa' flimkien lill-Uffiċjali għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Il-grupp ta' esperti għandu jiltaqa' regolarment, fil-bini tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.*** |
| | ***2. Il-grupp ta' esperti għandu jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet ta' Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, anke permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Dan għandu jinkludi l-aħjar prattiki fil-ħolqien ta' kriterji ġodda għat-twettiq ta' valutazzjonijiet skont l-Artikolu 4(3).*** |
| | ***3. Fejn xieraq, l-awtoritajiet tas-superviżjoni nazzjonali msemmija fl-Artikolu 12 u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti.<br>4. Il-Kummissjoni għandha tattendi l-laqgħat tal-grupp ta' esperti bħala osservatur.*** |

Or. en

**Emenda 750**
**Birgit Sippel, Christine Revault D'Allonnes Bonnefoy, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12b*** |
| | ***Setgħat tal-awtorità tas-superviżjoni nazzjonali*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li kull awtorità tas-superviżjoni jkollha s-setgħa:*** |
| | ***(a) li tinnotifika lill-l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri dwar ksur allegat tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR, u, fejn xieraq, tordna lill-l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tirrimedja dak il-ksur, b'mod speċifiku, sabiex itejjeb il-protezzjoni tas-suġġett tad-dejta;*** |
| | ***(b) li tordna lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tikkonforma mat-talbiet tas-suġġett tad-dejta biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont din id-Direttiva, inklużi dawk previsti mill-Artikoli 11c (ġdid) sa 11e(ġdid) fejn talbiet tali jkunu ġew rifjutati bi ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet;*** |
| | ***(c) li tordna lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tipprovdi informazzojni skont l-Artikoli 11b (ġdid), 11l (ġdid) u 11m (ġdid);*** |
| | ***(e) li twissi jew iċċanfar lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri;*** |
| | ***(f) li tordna r-rettifika, it-tħassir jew il-qerda tad-dejta kollha meta din tkun ġiet ipproċessata bi ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u n-notifika ta' dawn l-azzjonijiet lil partijiet terzi li lilhom tkun ġiet żvelata d-dejta;*** |
| | ***(g) li timponi projbizzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR;*** |
| | ***(h) li tissospendi flussi ta' dejta lil*** |

***riċevitur f'pajjiż terz;***

***2. Kull awtorità tas-superviżjoni għandu jkollha s-setgħa investigattiva li tikseb mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri:***

***(a) aċċess għad-dejta tal-PNR u d-dejta personali kollha u għall-informazzjoni kollha meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet superviżorji tagħha;***

***(b) aċċess għal kwalunkwe bini tagħha, inkluż għal kull tagħmir u mezz tal-ipproċessar tad-dejta, skont il-liġi nazzjonali, fejn ikun hemm motivi raġonevoli għalfejn wieħed jissupponi li hemmhekk tkun qed issir xi attività li tikser id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja jekk meħtieġ mil-liġi nazzjonali.***

***3. Bla preġudizzju għall-Artikolu 21 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, l-Istati Membri għandhom jipprevedu li ebda rekwiżit ta' segretezza addizzjonali m'għandu jinħareġ fuq talba tal-awtoritajiet tas-superviżjoni.***

***4. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li jkun meħtieġ kontroll tas-sigurtà addizzjonali allinjat mal-liġi nazzjonali biex ikun hemm aċċess għal informazzjoni kklassifikata f'livell simili għal dak ta'*** **CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL** ***jew ogħla. Jekk ma jkunx meħtieġ kontroll tas-sigurtà addizzjonali skont il-liġi tal-Istat Membru tal-awtorità ta' superviżjoni rilevanti, dan għandu jkun rikonoxxut mill-Istati Membri l-oħra kollha.***

***5. Kull awtorità tas-superviżjoni għandu jkollha s-setgħa li tiġbed l-attenzjoni tal-awtoritajiet ġudizzarji dwar ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u li tinvolvi ruħha fi proċedimenti legali u tressaq azzjoni quddiem il-qorti kompetenti.***

| | |
|---|---|
| | ***6. Kull awtorità tas-superviżjoni għandu jkollha s-setgħa li timponi pieni fir-rigward ta' reati amministrattivi.*** |

Or. en

**Emenda 751**
**Emilian Pavel, Ana Gomes**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi ***jew,*** fil-każ ta' falliment tekniku, permezz ta' ***kwalunkwe*** mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' sena wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. | 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru jew minn operaturi kummerċjali u operaturi oħra ta' titjiriet mhux kummerċjali*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi ***u jitwettqu permezz ta' proċessur tad-dejta li jipprovdi biżżejjed garanziji fir-rigward ta' miżuri ta' sigurtà teknika u miżuri organizzattivi li jmexxu l-ipproċessar li jrid jitwettaq.*** Fil-każ ta' fallimenti tekniku , ***id-dejta tal-PNR għandha tiġi trasferita*** permezz ta' mezz xieraq ieħor ***filwaqt li jinżamm l-istess livell ta' sigurtà. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR għandhom isiru*** għal perjodu ta' sena wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. |

Or. en

**Emenda 752**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi jew, fil-każ ta' falliment tekniku, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' ***sena*** wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. | 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi jew, fil-każ ta' falliment tekniku, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' ***tliet xhur*** wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. |

Or. en

**Emenda 753**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-ajru lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi jew, fil-każ ta' falliment tekniku, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' sena wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 754**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien ta' ***sena*** mid-data mill-adozzjoni tal-protokolli komuni u l-foromati aċċettati tad-dejta, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mod elettroniku bl-użu ta' metodi żguri f'għamla ta' protokolli komuni aċċettabbli li jkunu komuni għat-trasferimenti kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta matul it-trasferiment, u f'format appoġġjat tad-dejta biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà mill-partijiet kollha involuti. It-trasportaturi ***bl-*** kollha għandhom ikunu meħtieġa jagħżlu u jidentifikaw lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri l-protokoll komuni u l-format tad-dejta li bi ħsiebhom jużaw għat-trasferimenti tagħhom. | 2. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien ta' ***tliet xhur*** mid-data mill-adozzjoni tal-protokolli komuni u l-foromati aċċettati tad-dejta, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mod elettroniku bl-użu ta' metodi żguri f'għamla ta' protokolli komuni aċċettabbli li jkunu komuni għat-trasferimenti kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta matul it-trasferiment, u f'format appoġġjat tad-dejta biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà mill-partijiet kollha involuti. It-trasportaturi ***bl-ajru*** kollha għandhom ikunu meħtieġa jagħżlu u jidentifikaw lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri l-protokoll komuni u l-format tad-dejta li bi ħsiebhom jużaw għat-trasferimenti tagħhom. |

Or. en

**Emenda 755**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien ta' sena mid-data tal-adozzjoni tal-protokolli komuni u l-formati aċċettati tad-dejta, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi bl-ajru lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament għandhom isiru b'mod elettroniku bl-użu*** |

***ta' metodi siguri f'għamla ta' protokolli komuni aċċettabbli li jkunu komuni għat-trasferimenti kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta matul it-trasferiment, u f'format aċċettat tad-dejta biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà mill-partijiet kollha involuti. It-trasportaturi bl-ajru kollha għandhom ikunu meħtieġa jagħżlu u jidentifikaw lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri l-protokoll komuni u l-format tad-dejta li bi ħsiebhom jużaw għat-trasferimenti tagħhom.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 756**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-miżuri tekniċi meħtieġa huma adottati biex ikunu jistgħu jintużaw il-protokolli komuni u l-formati tad-dejta fi żmien ***sena*** mid-data meta ġew adottati l-protokolli komuni u l-formati aċċettati tad-dejta. | 5. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-miżuri tekniċi meħtieġa huma adottati biex ikunu jistgħu jintużaw il-protokolli komuni u l-formati tad-dejta fi żmien ***tliet xhur*** mid-data meta ġew adottati l-protokolli komuni u l-formati aċċettati tad-dejta. |

Or. en

**Emenda 757**
**Birgit Sippel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 14*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura tal-kumitat*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat ("il-Kumitat"). Il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament […/2011/UE] tas-16 ta' Frar 2011.*** | |
| ***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament […/2011/UE] tas-16 ta' Frar 2011.*** | |

Or. en

**Emenda 758**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Proċedura tal-kumitat*** | ***Atti delegati*** |

Or. it

**Emenda 759**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni ***għandha tiġi assistita minn kumitat ("il-Kumitat"). Il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament […/2011/UE] tas-16 ta' Frar 2011.*** | 1. ***Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta fi żmien tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva il-kriterji ta' riskju msemmija fl-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva u l-protokolli komuni u l-formati*** |

| | |
|---|---|
| | ***aċċettati tad-dejta applikabbli għat-trasferimenti kollha tal-informazzjoni PNR tat-trasportaturi bl-ajru kollha lill-unità ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri.*** |

Or. it

**Emenda 760**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament […/2011/UE] tas-16 ta' Frar 2011.*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 761**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 762**
**Anna Maria Corazza Bildt**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn ***sentejn*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn ***sena*** wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. |

Or. en

**Emenda 763**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jimxu ma' din id-Direttiva sa mhux iżjed tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 764**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkompanjati bl-imsemmija referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 765**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew jiġu akkompanjati bl-imsemmija referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir it-tali referenza.*** |

Or. en

**Emenda 766**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 767**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.*** |

Or. en

**Emenda 768**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 16*** | ***imħassar*** |
| ***Dispożizzjonijiet transizzjonali*** | |
| ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhijiex meħtieġa meta qed tinġabar biss dejta relatata ma' titjiriet partikolari.*

**Emenda 769**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 16*** | ***imħassar*** |
| ***Dispożizzjonijiet transizzjonali*** | |
| ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa*** | |

| | |
|---|---|
| ***sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | |

Or. en

**Emenda 770**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 771**
**Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 772**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** |

Or. en

**Emenda 773**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha:*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 774**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 775**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 776**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Michał Boni, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Roberta Metsola, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 777**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva m'għandhiex tipprevedi l-inklużjoni ta' titjiriet bejn ajruporti Ewropej fl-ambitu tagħha.*

**Emenda 778**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 779**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) tanalizza ***l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop*** ta' din id-Direttiva***, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1); | a) tanalizza ***l-ħtieġa li testendi l-kamp ta' applikazzjoni*** ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1); |

Or. fr

**Emenda 780**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, ***il-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR għal kull wieħed mill-finijiet iddikjarati***, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Għandha tinkludi wkoll*** |

| | |
|---|---|
| | informazzjoni ta’ statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. en

**Emenda 781**
**Axel Voss, Monika Hohlmeier, Esteban González Pons, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Jeroen Lenaers, Traian Ungureanu, Alessandra Mussolini, Csaba Sógor, Elissavet Vozemberg, Brice Hortefeux, Nadine Morano, Rachida Dati, Frank Engel, Anna Maria Corazza Bildt, Monica Macovei, Salvatore Domenico Pogliese, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Nuno Melo, József Nagy**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta’ din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***erba’*** snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta’ din id-Direttiva, b’attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta’ statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta’ din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***seba'*** snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta’ din id-Direttiva, b’attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta’ statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. en

**Emenda 782**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta’ din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba’ snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din | (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta’ din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba’ snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din |

| | |
|---|---|
| l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta ***u l-kwalità*** tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta***, il-kwalità*** tal-valutazzjonijiet ***u l-figuri li jiġġustifikaw l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull kategorija ta' delitti. Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. en

**Emenda 783**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***twettaq analiżi tal-operazzjoni*** ta' din id-Direttiva ***u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1)***. Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta ***u l-kwalità*** tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | (b) ***tagħmel analiżi tal-fattibilità, il-ħtieġa u l-proporzjonalità*** ta' din id-Direttiva***, fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Istati Membri***. Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta***, il-kwalità*** tal-valutazzjonijiet ***u l-effikaċja tal-qsim tad-dejta bejn l-Istati Membri. Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. ***Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** |

Or. en

**Emenda 784**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***erba' snin*** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta ***u l-kwalità*** tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***sentejn*** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta***, il-kwalità*** tal-valutazzjonijiet ***u r-rispett lejn in-nondiskriminazzjoni***. ***Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. fr

**Emenda 785**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***erba' snin*** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***sentejn*** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. it

**Emenda 786**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***erba'*** snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din | b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien ***sentejn*** mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l- |

| | |
|---|---|
| l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Ikun fih ukoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali ***għall-effikaċja u l-ħtieġa tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' terroriżmu jew delitti transnazzjonali serji,*** għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. ***Għandha tinkludi wkoll*** informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

Or. it

**Emenda 787**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' dan ir-Regolament u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien tliet snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Għandha tinkludi wkoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 788**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb)*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni skont din id-Direttiva ***tipprevedi l-preżentazzjoni ta' analiżi tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tliet snin wara d-dħul fis-seħħ jew il-proroga tal-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni, fil-każ li l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tiġi annullata. Għal dan l-għan, l-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti transnazzjonali serji skont l-Artikolu 4(2), l-għadd ta' riżolutati pożittivi foloz, l-għadd ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi meħuda, inklużi arresti, kundanni u dikjarazzjonijiet ta' innoċenza, li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR, għal kull trasportatur bl-ajru u għal kull destinazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 789**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 17a*** |

*Limitazzjoni*

***Din id-Direttiva għandha titlef l-effett tagħha wara perjodu ta' seba' snin. Il-Kummissjoni tista' titlob li testendi l-effett ta' din id-Direttiva għal perjodi oħra ta' seba' snin wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewopew u tal-Kunsill.***

Or. en

**Emenda 790**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Jörg Leichtfried, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Kati Piri, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Péter Niedermüller, Ana Gomes, Emilian Pavel, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 17a*** |
| | ***Limitazzjoni*** |
| | ***Din id-Direttiva għandha titlef l-effett tagħha wara perjodu ta' seba' snin. Il-Kummissjoni tista' titlob li testendi l-effett ta' din id-Direttiva għal perjodi oħra ta' seba' snin. Id-deċiżjoni ta' estensjoni għandha tittieħed permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** |

Or. en

**Emenda 791**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal- | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal- |

| | |
|---|---|
| PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri ***n-numru*** ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) ***u n-numru*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR ***għal kull trasportatur bl- u destinazzjoni***. | PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri, ***għal kull trasportatur bl-ajru u għal kull destinazzjoni***, ***l-għadd totali ta' persuni li nġabret id-dejta tal-PNR tagħhom, l-għadd*** ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2)***, l-għadd*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR***, l-għadd ta' kundanni li rriżultaw minnhom u l-għadd ta' persuni li jkun ġie stabbilit li ntlaqtu inġustament bl-użu tad-dejta tal-PNR***. |

Or. fr

**Emenda 792**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri ***n-numru*** ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR ***għal kull trasportatur bl- u destinazzjoni***. | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri, ***għal kull trasportatur bl-ajru u għal kull destinazzjoni***, ***l-għadd totali ta' persuni li d-dejta tal-PNR tagħhom ġiet miġbura u trasferita, l-għadd*** ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR***, l-għadd ta' kundanni li saru bl-użu fost l-oħrajn tad-dejta tal-PNR, u l-għadd totali ta' "riżultati pożittivi foloz"***. |

Or. it

**Emenda 793**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) ***u n-numru*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-*** u destinazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2), ***l-għadd*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-ajru*** u ***għal kull*** destinazzjoni, ***u l-għadd ta' kundanni kriminali wara dawk l-azzjonijiet***. |

Or. en

**Emenda 794**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) ***u n-numru*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti ***transnazzjonali*** serji skont l-Artikolu 4(2)***, l-għadd ta' riżultati pożittivi foloz, l-għadd*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal- |

| | |
|---|---|
| trasportatur ***bl-*** u destinazzjoni. | liġi meħuda, ***inklużi arresti, kundanni u dikjarazzjonijiet ta' innoċenza***, li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR, għal kull trasportatur ***bl-ajru u għal kull*** destinazzjoni. |

Or. en

**Emenda 795**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Ana Gomes, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew ***f'delitti*** serji skont l-Artikolu 4(2) ***u n-numru*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-*** u destinazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew ***ċerti tipi ta' delitti transnazzjonali*** serji skont l-Artikolu 4(2), ***l-għadd*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-ajru u għal kull*** destinazzjoni ***u l-għadd ta' kundanni kriminali li rriżultaw mill-azzjoni ta' infurzar***. |

Or. en

**Emenda 796**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' |

| | |
|---|---|
| informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) ***u n-numru*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-*** u destinazzjoni. | informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti ***transnazzjonali*** serji skont l-Artikolu 4(2)***, l-għadd*** ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-ajru*** u għal kull destinazzjoni***, u l-għadd ta' kundanni kriminali wara li ttieħdu dawk l-azzjonijiet, għal kull reat li nstab li twettaq, kif ukoll il-kwalità tal-kriterji predeterminati li ntużaw għall-preselezzjoni tat-titjiriet***. |

Or. en

**Emenda 797**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 a. L-Istati Membri għandhom iħejju ġabra ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitt transnazzjonali serju skont l-Artikolu 4(2), in-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi, inklużi l-arresti, il-kundanni ta' ħtija u d-dikjarazzjonijiet ta' innoċenza li jkunu saru bl-involviment ta' dejta tal-PNR għal kull trasportatur bl-ajru u għal kull destinazzjoni.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konnessa mal-bidla f'Regolament.*

**Emenda 798**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom ikunu trażmessi lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. | 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom ikunu trażmessi lill-Kummissjoni***, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** fuq bażi annwali. |

Or. en

**Emenda 799**
**Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Péter Niedermüller, Ana Gomes, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom ikunu trażmessi lill-Kummissjoni fuq bażi annwali. | 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni ***u lill-Parlament Ewropew*** fuq bażi annwali. |

Or. en

**Emenda 800**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom ***ikunu trażmessi lill-Kummissjoni*** fuq bażi annwali. | 2. Dawn l-istatistiċi m'għandhomx jinkludu dejta personali. Għandhom ***jiġu ppubblikati*** fuq bażi annwali. |

Or. en

**Emenda 801**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Dawn l-istatistiċi m'għandhom jinkludu l-ebda dejta personali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konnessa mal-bidla f'Regolament.*

**Emenda 802**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu -1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Din id-Direttiva tapplika bla preġudizzju għad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977 ĠAI u għal kwalunkwe leġiżlazzjoni ġejjiena dwar l-ipproċessar tad-dejta personali għall-finijiet tal-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' reati kriminali.*** |

Or. en

**Emenda 803**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw ftehimiet jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali bejniethom dwar l-iskambju tal-informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti, li jkunu fis-seħħ meta din id-Direttiva tiġi adottata, sakemm dawn il-ftehimiet jew arranġamenti jkunu kompatibbli ma' dan ir-Regolament.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konnessa mal-bidla f'Regolament.*

**Emenda 804**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew impenn mill-Unjoni permezz ta' ftehim bilaterali u/jew multilaterali ma' pajjiżi terzi.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 805**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-valutazzjoni tal-passiġġieri skont din id-Direttiva m'għandhiex tipperikola d-dritt li l-persuni li jgawdu d-dritt tal-moviment liberu jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat kif stabbilit fid-Direttiva 2004/38/KE u, fejn applikabbli, għandha tkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 562/2006.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-valutazzjoni tal-passiġġieri m'għandhiex twassal għal restrizzjonijiet rigward il-jedd li l-persuni jgawdu d-dritt tal-moviment liberu li jidħlu fl-UE dment li d-Direttiva dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u r-Regolament dwar il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.*

**Emenda 806**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew impenn tal-Unjoni permezz ta' ftehim bilaterali u/jew multilaterali ma' pajjiżi terzi.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Konnessa mal-bidla fir-Regolament.*

**Emenda 807**
**Cornelia Ernst, Barbara Spinelli**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. |
| | ***Din id-Direttiva għandha tkun valida għal 5 snin mid-data li fiha tidħol fis-seħħ, wara liema perjodu għandha titlef l-effett legali tagħha. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta riveduta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont il-Proċedura leġiżlattiva ordinarja.*** |

Or. en

**Emenda 808**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 809**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20a*** |
| | ***Klawsola ta’ estinzjoni*** |
| | ***Din id-Direttiva għandha tiskadi awtomatikament erba' snin wara d-data li fiha tkun daħlet fis-seħħ u erba' snin wara kull proroga. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jiddeċiedu, wara proposta mill-Kummissjoni, li jipprorogaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal erba' snin oħra.*** |

Or. en

**Emenda 810**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20a*** |
| | ***Klawsola ta' estinzjoni*** |
| | ***Id-Direttiva attwali hija valida sa' Diċembru 2020.*** |
| | ***Fuq il-bażi ta' reviżjoni tal-Artikolu 17 u mingħajr preġudizzju għall-possibilità li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill iġeddu d-data ta' validità tad-Direttiva attwali.*** |

Or. it

**Emenda 811**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20b*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni skont din id-Direttiva tiskadi kull erba' snin wara d-data li fiha tkun daħlet fis-seħħ, fil-każ li l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, irrispettivament mill-kawża, tiġi annullata. F'każ tali, il-leġiżlatura nazzjonali tista' tiddeċiedi li tipproroga l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li kienet ġiet implimentata skont din id-Direttiva għal erba' snin oħra.*** |

Or. en

**Emenda 812**
**Sophia in 't Veld, Fredrick Federley**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 20c*** |
| | ***Dan ir-Regolament għandu jiskadi awtomatikament erba' snin wara d-data li fiha jkun daħal fis-seħħ u erba' snin wara kull proroga. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jiddeċiedu, wara proposta mill-Kummissjoni, li jipprorogaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal erba' snin oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-bidla għal Regolament.*

**Emenda 813**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Il-forom kollha tal-informazzjoni dwar il-ħlas, inkluż l-indirizz tal-ħruġ tal-kontijiet*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 814**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta' spiss*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 815**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta' spiss*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 816**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta' spiss*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 817**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Informazzjoni dwar vjaġġaturi ta' spiss*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 818**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) Aġenzija tal-ivvjaġġar/aġent tal-ivvjaġġar*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 819**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Informazzjoni tal-PNR mifruda/maqsuma*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 820**
**Sylvie Guillaume**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess tal-minuri, l-età, l-ilsien (ilsna) mitkellm(a), l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni mal-minuri, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni mal-minuri, l-aġent tat-tluq u tal-wasla)*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 821**
**Cornelia Ernst**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess tal-minuri, l-età, l-ilsien (ilsna) mitkellm(a), l-isem u d-*** | ***imħassar*** |

| | |
|---|---|
| ***dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni mal-minuri, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni mal-minuri, l-aġent tat-tluq u tal-wasla)*** | |

Or. en

**Emenda 822**
**Laura Ferrara, Ignazio Corrao**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess tal-minuri, l-età, l-ilsien (ilsna) mitkellm(a), l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni mal-minuri, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni mal-minuri, l-aġent tat-tluq u tal-wasla)*** | ***imħassar*** |

Or. it

**Emenda 823**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli fuq minuri mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess tal-minuri, l-età, l-ilsien (ilsna) mitkellm(a), l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni mal-minuri, l-isem u d-dettalji*** | ***imħassar*** |

***tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni mal-minuri, l-aġent tat-tluq u tal-wasla)***

Or. en

**Emenda 824**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) ***Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli*** fuq ***minuri*** mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess ***tal-minuri***, l-età, ***l-ilsien (ilsna) mitkellm(a)***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni ***mal-minuri***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni ***mal-minuri***, l-aġent tat-tluq u tal-wasla***)*** | (12) Informazzjoni fuq ***minorenni*** mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess ***tal-minorenni***, l-età, ***l-ilsien/ilsna mitkellem/mitkellma***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni ***mal-minorenni***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni ***mal-minorenni***, l-aġent tat-tluq u tal-wasla |

Or. en

**Emenda 825**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) ***Kummenti ġenerali (inkluża l-informazzjoni kollha disponibbli*** fuq ***minuri*** mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess ***tal-minuri***, l-età, ***l-ilsien (ilsna) mitkellm(a)***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni ***mal-minuri***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni ***mal-minuri***, l-aġent tat-tluq u | (12) informazzjoni fuq ***minorenni*** mhux akkumpanjati taħt it-18-il sena, bħall-isem u s-sess ***tal-minorenni***, l-età, ***l-ilsien/ilsna mitkellem/mitkellma***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mat-tluq u r-relazzjoni ***mal-minorenni***, l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-kustodja mal-wasla u r-relazzjoni ***mal-minorenni***, l-aġent tat-tluq u tal-wasla |

tal-wasla*)*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*"Kummenti ġenerali" hija wiesgħa wisq, għax tista' tkopri firxa wiesgħa ta' informazzjoni personali u potenzjalment sensittiva li tinġabar mill-kumpaniji tal-ajru.*

**Emenda 826**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(13) Informazzjoni fil-qasam tal-biljetti, inkluż in-numru tal-biljett, id-data tal-ħruġ tal-biljett u biljetti lejn direzzjoni waħda, spazji tal-Automated Ticket Fare Quote*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 827**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Numru tal-post u informazzjoni oħra dwar il-post*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 828**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Numru tal-post u informazzjoni oħra dwar il-post*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 829**
**Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Tanja Fajon**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Numru ***tal-post u informazzjoni oħra dwar il-post*** | (14) Numru ***tas-sedil*** |

Or. en

**Emenda 830**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Informazzjoni dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 831**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(16) L-informazzjoni kollha dwar il-bagalji*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 832**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 17**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(17) Numru u ismijiet oħra tal-vjaġġaturi fuq il-PNR*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 833**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 18**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(18) Kwalunkwe dejta miġbura dwar l-Informazzjoni minn Qabel dwar il-Passiġġieri (API).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 834**
**Sophia in 't Veld**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) Il-bidliet storiċi kollha tal-PNR elenkati taħt in-numri 1 sa 18*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 835**
**Jan Philipp Albrecht**

**Proposta għal direttiva**
**Anness 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(19) Il-bidliet storiċi kollha tal-PNR elenkati taħt in-numri 1 sa 18*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 836**
**Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos**

**Proposta għal direttiva**
**Anness II (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Reati:*** |
| | ***1 parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,*** |
| | ***2 traffikar tal-bnedmin,*** |
| | ***3 sfruttament sesswali ta' tfal u pedopornografija,*** |
| | ***4 traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi,*** |
| | ***5 traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,*** |
| | ***6 qtil, offiżi fiżiċi gravi fuq il-persuna,*** |
| | ***7 kummerċ illeċitu f'organi u tessuti*** |

***umani,***

***8 ħtif u teħid ta' ostaġġi,***

***9 serq organizzat jew bl-użu ta' armi,***

***10 traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,***

***11 stupru,***

***12 ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,***

***13 sabutaġġ,***

***14 reati li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Lista tad-delitti kollha li jiġġustifikaw l-ipproċessar ta' dejta tal-PNR*